



Dokument ta' sessjoni

A9-0167/2022

25.5.2022

RAPPORT

dwar Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar
(2021/2166(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Tiemo Wölken

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET	28
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONAL	33
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP	43
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA.....	54
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN	60
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	63
ANNESSE	70
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	74
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT	75

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni intitolata "Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar"(COM(2021)0219),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-3 ta' Novembru 2021 intitolat "Better Regulation Guidelines" (Linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar) (SWD(2021)0305),
- wara li kkunsidra l-iżvilupp tal-objettivi ta' kooperazzjoni fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 intitolata "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" (COM(2021)0350),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 intitolata "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"¹,
- wara li kkunsidra l-istrumenti għal regolamentazzjoni aħjar, li jikkomplementa l-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, it-tnejn li huma ta' Novembru 2021,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, u l-verżjoni l-aktar reċenti tiegħu, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet²,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142),

¹ ĠU C 425, 20.10.2021, p. 43.

² ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni intitolata "Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar" (CDR 4071/2021),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta' Lulju 2018 li jippreżenta s-sejbiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti",
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar l-idoneità regolatorja tal-Unjoni Ewropea u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità - rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-snin 2017, 2018 u 2019³,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu ta' xx dwar id-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 16/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-12 ta' Ġunju 2018 intitolat "Rieżaminar ex post tal-leġiżlazzjoni tal-UE: sistema stabbilita tajjeb, iżda mhux kompleta",
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2016 għal amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar strateġija ġdida għall-SMEs Ewropej⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li tilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura li l-azzjonijiet kollha tal-UE jgħinu lill-UE tikseb futur sostenibbli u tranżizzjoni ġusta u li taġġorna l-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar konsegwentement, u dan jirrikjedi, fost l-oħrajn, li l-prinċipju ta' "is-sostenibbiltà l-ewwel" jiġi integrat fl-Aġendi ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE u l-Istati Membri tagħha⁶,
- wara li kkunsidra d-diskors tal-President von der Leyen tas-16 ta' Lulju 2019⁷,
- wara li kkunsidra d-dibattitu fil-plenarja tas-7 ta' Ġunju 2021 dwar "L-istat tal-Unjoni tal-SMEs – Implimentazzjoni tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar / Mira ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv"⁸,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0167/2022),

³ Testi adottati, P9_TA(2021)0316.

⁴ ĠU C 86, 6.3.2018, p. 126.

⁵ ĠU C 445, 29.10.2021, p. 2.

⁶ ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

⁷ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/SPEECH_19_4230

⁸ P9_PV(2021)06-07(17).

- A. billi t-tfassil aħjar tal-liġijiet huwa għan komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE, u għandu jinkiseb billi jiżdienu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, l-Istati Membri, iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-valuri fundamentali Ewropej kollha, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; billi t-trasparenza, l-integrità u r-responsabbiltà huma wkoll prerekwiżiti essenzjali ta' demokrazija bbażata fuq l-istat tad-dritt; billi l-leġislazzjoni Ewropea għandha tkun adattata għall-iskop tagħha, proporzjonata, ċara, trasparenti u komprensiva sabiex iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati jibbenefikaw b'mod effettiv minnha; billi regolamentazzjoni aħjar tgħin biex jiġi żgurat li l-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE jkunu mmirati lejn il-futur, filwaqt li jqisu l-pass aktar mgħaġġel tal-iżviluppi teknoloġiċi, soċjetali u ambjentali; billi, għalhekk, se jkun dejjem aktar importanti li l-proposti regolatorji jiġu appoġġati b'evidenza bbażata fuq l-aktar valutazzjonijiet xierqa u evidenza xjentifika affidabbli rieżaminata bejn il-pari, kif ukoll ir-rispett għall-prinċipju ta' prekawzjoni; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni timmaniġġja l-evidenza b'mod trasparenti, u tiżgura li tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli; jissottolinja li t-tfassil tal-liġijiet ta' kwalità ma jistax jitnaqqas għal miri kwantitattivi li jitnaqqsu piżijiet u spejjeż fuq perjodu qasir ta' żmien biss, iżda għandu jkun ta' benefiċċju għal kulħadd bħala investiment fit-tul fil-prosperità kondiviża tas-soċjetajiet tagħna u l-futur tagħna;
- B. billi l-Kummissjoni għandha tikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(4) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima⁹, li jipprevedi li kwalunkwe abbozz ta' miżuri u proposti leġislattivi jeħtieġ li jkunu konsistenti mat-twettiq tal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050; billi, għal dan il-għan, il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta l-konsistenza tal-abbozzi ta' miżuri jew proposti leġislattivi kollha, inklużi proposti baġitarji, mal-oġettivi tan-newtralità klimatika u jekk jiżgurawx progress fl-adattament għat-tibdil fil-klima;
- C. billi l-kontrolli l-ġodda tal-konsistenza klimatika ġew applikati biss għall-valutazzjonijiet tal-impatt dwar abbozzi ta' miżuri leġislattivi u proposti mill-1 ta' Jannar 2022, minkejja d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima f'Lulju 2021, li jfisser li d-dispożizzjonijiet tal-liġi ma ġewx implimentati għal għadd ta' proposti rilevanti għall-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- D. billi l-approċċ għall-verifika tal-konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet huwa deskritt fil-komunikazzjoni dwar regolamentazzjoni aħjar u fil-linji gwida u l-istrumenti sussegwenti; billi l-Kummissjoni, madankollu, għandha tapplika dawn il-kontrolli b'mod sistematiku, u tagħmel dan fil-bidu tal-proċess tat-tħejjija ta' abbozz ta' miżura ġdida jew kontroll tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti sabiex tkun tista' ġenwinament tiggwida l-għażlet ta' politika; billi l-Liġi Ewropea dwar il-Klima tobbliga lill-Kummissjoni tipprovdi r-raġunijiet fil-każ ta' nuqqas ta' allinjament ta' abbozz ta' miżura jew proposta leġislattiva mal-oġettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, bħala parti mill-valutazzjoni tal-konsistenza msemmija fl-Artikolu 6(4);
- E. billi fl-2021 il-Kummissjoni adottat il-komunikazzjoni tagħha intitolata

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

"Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar," il-linji gwida tagħha dwarhom u s-sett ta' għodod li jakkumpanjahom;

- F. billi tfassil aħjar tal-liġijiet huwa mezz li jiggarrantixxi ċ-ċertezza legali, għandu jkun ta' benefiċċju għal kulħadd u jaqdi l-interess ġenerali tas-soċjetà Ewropea, in-negożji, il-ħaddiema, iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-ambjent; billi leġislazzjoni ta' kwalità għolja taqdi l-interess pubbliku peress li taffettwa direttament il-kompetittività tal-UE, it-territorji u n-negożji tagħha, u tirrappreżenta wkoll għodda għat-tisħiħ tad-demokrazija u l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali;
- G. billi hemm bżonn ta' rieżami regolatorju u, fejn meħtieġ u xieraq, anke ta' simplifikazzjoni, sabiex jitneħħew l-ostakli għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, inkluż bejn il-fruntieri, u biex il-liġijiet isiru aktar effettivi, trasparenti u komprensivi għall-benefiċjarji, kemm jekk ikunu ċittadini kif ukoll jekk ikunu negożji;
- H. billi l-prinċipji u l-għodod ta' regolamentazzjoni aħjar għandhom jibqgħu newtrali għall-politika sabiex jiggarrantixxu definizzjoni oġġettiva tal-problemi u għażliet ta' politika alternattivi reali li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament;
- I. billi t-fassil aħjar tal-liġijiet irid ikollu l-għan li jaqdi l-ambizzjonijiet tal-UE u speċjalment l-oġġettivi fit-tul tagħha, bħal li jiġi ġġenerat tkabbir ekonomiku, tingħata spinta lill-investment u l-ħolqien tal-impjiegi, jiġu żgurati Ewropa iżjed kompetittiva u demokratika u progress soċjali u jintlaħaq l-oġġettiv vinkolanti tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050, u l-oġġettiv prijoritarju fit-tul għall-2050 li ċ-ċittadini jgħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna; billi s-sostenibbiltà għandha tkun fil-qalba tat-tfassil tal-liġijiet ta' kwalità, billi tqiegħed kunsiderazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali fuq l-istess livell; billi, bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-aktar soluzzjonijiet effettivi biex timmassimizza l-benefiċċji, filwaqt li fl-istess ħin timminimizza l-ispejjeż assoċjati;
- J. billi l-Kummissjoni impenjat ruħha li żżid l-isforzi biex tippromwovi u ttejjeb il-parteċipazzjoni inklużiva u sistemika tat-tfal fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet speċifiċi għat-tfal, għal inizjattivi futuri rilevanti;
- K. billi valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* u *ex post* imwettqa sew, konsultazzjonijiet pubbliċi u l-prinċipju "l-ewwel evalwa" huma għodod essenzjali għal tfassil tal-liġijiet infurmat tajjeb, aħjar, effiċjenti, responsabbli u trasparenti li jkun imfassal għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji; billi dan jikkontribwixxi għall-kwantifikazzjoni tal-impatti, filwaqt li jqis il-proporzjon kostijiet-benefiċċji tagħhom; billi tali valutazzjonijiet għandhom iqisu l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali b'livell ugwali ta' analiżi dettaljata u preċiżjoni, filwaqt li jqisu kemm l-evidenza kwalitattiva kif ukoll dik kwantitattiva, inkluż ukoll l-impatt tal-miżuri ta' politika fuq id-drittijiet fundamentali; billi, fl-2018, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat rapport speċjali b'sett ta' rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-kwalità tar-rieżamijiet *ex post*;
- L. billi l-portal web "Semma' Leħnek" għandu l-għan li jsaħħaħ l-involvement taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati fit-tfassil tal-politika tal-UE u wera li huwa għodda utli għat-

- tħejjija tal-politiki tal-UE; billi fit-3 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni nediet verżjoni ġdida tal-ġhodda sabiex ittejjeb aktar il-konsultazzjonijiet u l-komunikazzjoni tagħha mal-pubbliku u żżid it-trasparenza; billi fl-2019 il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat rapport speċjali¹⁰ b'sett ta' rakkomandazzjonijiet biex dan il-portal ikompli jittejjeb, speċjalment biex isir iżjed faċli għall-utent, inkluż fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni u t-trasparenza, kif ukoll l-użu u d-disponibbiltà tat-traduzzjonijiet;
- M. billi l-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju jivvaluta l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt kif ukoll tal-kontrolli tal-idoneità u tal-evalwazzjonijiet ewlenin biex jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja; billi madwar terz tal-valutazzjonijiet tal-impatt fl-2021 irċevew l-ewwel opinjoni negattiva; billi l-Bord jista' jkollu rwol importanti fit-titjib tal-leġiżlazzjoni Ewropea;
- N. billi r-rispett għall-multilingwiżmu huwa prerekwiżit biex l-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu kif support; billi l-Artikolu 1 tat-TUE jipprevedi li d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE jridu jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin; billi s-siti web tal-Unjoni Ewropea disponibbli għall-pubbliku għal opportunitajiet ta' finanzjament u offerti fil-qafas tal-programmi tal-UE spiss jiġu ppubblikati l-ewwel bil-lingwa Ingliża; billi t-traduzzjoni ta' dawn is-siti web tista' tiegħu diversi xhur; billi l-fatt li dawn is-siti web ikunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE huwa importanti għal kompetizzjoni ġusta;
- O. billi l-għan tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT) u l-Pjattaforma Fit for Future (F4F) huwa li jissimplifikaw il-liġijiet tal-UE u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u regulatorji mhux meħtieġa, kif ukoll l-ispejjeż, bl-iskop li jtejbu l-konformità u l-implimentazzjoni regulatorja, filwaqt li jiksibu l-oġettivi ta' politika sottostanti, billi jiffokaw fuq it-tpaċija regulatorja u l-kontrolli tal-idoneità ta' leġiżlazzjoni preċedenti, attwali u futura;
- P. billi l-Kummissjoni introduċiet l-approċċ ta' "One In, One Out" bl-intenzjoni li jkun hemm tpaċija ta' piżijiet ġodda li jirriżultaw mill-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni billi jnaqqas il-piżijiet eżistenti fl-istess qasam ta' politika;
- Q. billi l-approċċ ta' "One In, One Out" jista' jikkontribwixxi għall-programm REFIT billi jestendih lil hinn mill-valutazzjoni tal-piżijiet mhux meħtieġa li jirriżultaw minn biċċiet individwali ta' leġiżlazzjoni eżistenti biex jinkludi wkoll leġiżlazzjoni ġdida u biex iħares lejn oqsma ta' politika sħaħ; billi, fl-istess ħin, l-approċċ ta' "One In, One Out" jeħtieġ kjarifika dwar l-implimentazzjoni tiegħu fil-prattika, peress li l-leġiżlazzjoni għandha dejjem tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, in-negozji, il-ħaddiema u l-konsumaturi;
- R. billi biex jinkisbu l-benefiċċji tal-isforzi ta' simplifikazzjoni fil-livell Ewropew jista' jkun ukoll meħtieġ li l-koleġiżlaturi jżommu d-dispożizzjonijiet rilevanti u li dawn il-benefiċċji jiddependu fuq l-għażliet li jagħmlu l-Istati Membri meta jittrasponuhom fil-liġi nazzjonali, u fuq sforzi akbar mill-Kummissjoni biex tikkoordina u torganizza konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

¹⁰ Ir-rapport speċjali Nru 14/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: ""Semma' lehnok!": il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni jinvolvu liċ-ċittadini, iżda l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mhumiex biżżejjed".

- S. billi fil-komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Ottubru 2017 intitolata "Kompletar tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar: Soluzzjonijiet aħjar għal riżultati aħjar" (COM(2017)0651), il-Kummissjoni esprimiet riżervi dwar l-approċċ ta' "One in, One out" u l-iffissar ta' "miri ta' tnaqqis fil-piżijiet *ex ante*", meta jitqies li dan "joħloq pressjonijiet deregolatorji u jfixkel ir-responsabbiltà politika tagħha biex twassal dak li għandu jsir meta għandu jsir";
- T. billi skont l-informazzjoni ppubblikata fil-EUR-Lex¹¹, fl-2021, il-Kummissjoni adottat jew emendat 1 977 att leġislattiv jew mhux leġislattiv; billi fl-istess perjodu tħassru jew skadew 1 008 att leġislattiv jew mhux leġislattiv;
- U. billi t-Trattati jagħtu lill-Parlament id-dritt dirett ta' inizjattiva biss f'każijiet limitati ħafna; billi fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar id-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament, il-Parlament talab li jiżdied id-dritt ta' inizjattiva tiegħu;
- V. billi l-funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa bbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva;
1. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li l-liġijiet tal-UE għandhom ikunu ta' benefiċċju massimu liċ-ċittadini u n-negozji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u l-intenzjoni tagħha li l-approċċ għal tfassil aħjar tal-liġijiet tagħmlu aktar dinamiku u adattabbli għal żviluppi ulterjuri; jilqa' wkoll l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel użu aħjar mill-prospettiva strateġika, u jitlob l-integrazzjoni tagħha fil-valutazzjonijiet tal-impatt u fl-ewalwazzjonijiet; jissottolinja li l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar għandha tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni billi tippermetti, fost l-oħrajn, teknoloġiji innovattivi u abilitanti li jinġiebu fis-suq b'mod aktar effiċjenti; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb l-analiżi u r-rappurtar tal-impatt tal-proposti, pereżempju dwar il-kompetittività u l-SMEs, it-territorjalità, is-sostenibbiltà, l-ugwaljanza, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li jistgħu jgħinu wkoll biex jiġu identifikati l-lakuni, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet kif ukoll jgħinu biex jiġu skoperti r-riskji u x-xejriet eżistenti, u għalhekk jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' politika u t-tfassil ta' ppjanar strateġiku ta' perspettiva fit-tul, speċjalment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u fir-rigward tal-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs);
 2. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar filwaqt li jqisu b'mod integrat u bbilanċjat l-impatti ekonomiċi, ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-ġeneru;
 3. Jilqa' wkoll l-impenn tal-Kummissjoni li tintegra l-SDGs fil-proposti leġislattivi kollha tagħha, f'konformità mal-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, li tagħti aktar attenzjoni lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ugwaljanza għal kulħadd, u li tiżgura li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-prinċipju ta' prekawzjoni jiġu applikati fl-oqsma kollha ta' politika; jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt iqisu wkoll l-impatt fuq il-kisba tal-Aġenda 2030 kollha kemm hi; jinnota bi tħassib li billi ssir referenza biss għall-"SDGs rilevanti", hemm ir-riskju li n-natura integrata u olistika tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tiġi injorata; ifakkar fl-impenn tal-UE li tkun minn ta' quddiem fuq livell globali fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-SDGs, flimkien

¹¹ <https://eur-lex.europa.eu/statistics/2021/legislative-acts-statistics.html>; <https://eur-lex.europa.eu/statistics/legal-acts/2021/legislative-acts-statistics-repealed-and-expired-acts.html>

mal-Istati Membri tagħha u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħha; jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni għadha ma żviluppatx strateġija integrata u olistika ta' implimentazzjoni tal-SDGs; ifakkar li l-UE jeħtiġilha żżid il-viżibbiltà tagħha fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' komunikazzjoni effiċjenti dwar il-programmi ta' kooperazzjoni u nfiq tagħha;

4. Jappoġġa l-impenn għal analiżi u rappurtar imtejba tal-impatti ambjentali fil-politiki kollha tal-UE permezz ta' valutazzjoni obbligatorja tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", u l-fatt li din il-valutazzjoni għandha tiġi applikata għal proposti mill-oqsma kollha ta' politika, sabiex tiġi evitata applikazzjoni mhux uniformi; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" sabiex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tiegħu; jilqa' l-proposta li s-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni għandhom jitqiesu aħjar fit-tfassil tal-liġijiet; jissottolinja li l-valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" trid tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji usa' għas-soċjetà, bħal fil-qasam tas-saħħa pubblika, u l-impatti ambjentali;
5. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra li timplimenta approċċ ta' "is-sostenibbiltà l-ewwel" u tadottah għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni kollha tal-politika, filwaqt li tipprijoritizza kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fit-tul; jinnota li "prospettiva strateġika" se tappoġġa l-programm REFIT, li jidentifika opportunitajiet biex jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji mhux meħtieġa u jiġi żgurati li l-ligizlazzjoni eżistenti tal-UE tibqa' "adatta għall-futur";
6. Jappella, f'dan ir-rigward, biex ir-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) jitqiesu b'mod sistematiku fil-proċess ta' prospettiva strateġika; jilqa' f'dan ir-rigward il-ħidma tal-Pjattaforma Fit for Future (F4F), li tiġbor flimkien l-għarfien espert ta', fost l-oħrajn, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u n-negozji żgħar u kbar f'laqgħat regolari biex tittejjeb il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE; jinnota li din il-pjattaforma tista' tintuża wkoll biex jiġu diskussi temi usa', bħat-tranżizzjoni ekoloġika;
7. Ifakkar li l-protezzjoni, il-promozzjoni u l-iffaċilitar tat-twertiq tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija huma prijorità ewlenija tal-azzjoni esterna tal-UE kif minqax fl-Artikolu 21 tat-TUE u li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tapplika wkoll għall-azzjoni esterna tagħha; jenfasizza li l-UE ripetutament affermat mill-ġdid l-impenn tagħha li tibqa' protagonista influwenti fix-xena dinjija u li żżomm rwol ewlieni bħala difensur globali tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; jiddispjaċih, għalhekk, li l-proposta għadha limitata fit-trasformazzjoni tal-għodda dwar id-drittijiet fundamentali fl-istrumenti tal-UE għal regolamentazzjoni aħjar fil-linji gwida dwar l-impenn globali tal-UE u l-obbligu tagħha bbażat fuq it-Trattat għad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja, għaldaqstant, l-importanza tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-politiki esterni kollha tal-UE, inklużi l-politika kummerċjali u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli;
8. Jissottolinja għalhekk li l-linji gwida għandhom jiġu riveduti u implimentati b'mod effettiv biex jiġi żgurati li d-drittijiet tal-bniedem jitqiesu kif xieraq u b'mod sistematiku, filwaqt li l-UE tiġi obbligata li ma tieħu l-ebda azzjoni li tipprevjeni jew tagħmel aktar diffiċli t-twertiq tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li l-impatt fuq il-ġeneri għandu

jiġi integrat fir-rappurtar kollu u li, minbarra l-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem jeħtieġ li jinkludu data diżaggregata skont il-ġeneru u jevalwaw l-impatt speċifiku fuq in-nisa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; 9. Jissottolinja li l-leġiżlazzjoni ambjentali u dik relatata mas-saħħa għandha impatt dirett fuq il-ħajja ta-ċittadini tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tfassal memorandum ta' spjegazzjoni qasir b'lingwaġġ a-aċċessibbli u mhux esport biex jakkumpanja l-proposti leġiżlattivi kollha, u tieħu l-miżuri kollha xierqa biex tiżgura li c-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jifhmu l-essenza ta' proposta leġiżlattiva, inklużi l-effetti potenzjali fuq ħajjithom;

10. Jilqa' l-fatt li, f'konformita mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2021 intitolata "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" (COM(2021)0118), regolamentazzjoni aħjar se jkollha l-għan li tippromwovi l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" fil-leġiżlazzjoni futura tal-UE bħala għodda importanti biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali; jisħaq li teknoloġiji bħall-IA jistgħu jtejbu l-proccess leġiżlattiv u jtejbu l-aċċess għall-informazzjoni, kif ukoll jagħmlu l-leġiżlazzjoni aktar komprensibbli għa-ċittadini u l-kumpaniji; jistieden lill-Kummissjoni tapplika ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja¹² għal-leġiżlazzjoni relatata mat-trasformazzjoni diġitali fuq bażi ta' każ b'każ filwaqt li tqis il-valur miżjud tal-UE u l-proporzjonalita, speccjalment bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-SMEs u n-negozji ġodda; jitlob, madankollu, li dawn l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja jkunu strettament limitati fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni, issorveljati kif xieraq u f'konformita mal-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u d-drittijiet fundamentali;
11. Iqis li l-iżvilupp ta' forum ġodda ta' proccessi ta' diġitalizzazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet tat-tliet istituzzjonijiet jikkostitwixxi sfida essenzjali u opportunita għat-tisħiħ tal-kwalita tat tfassil tal-liġijiet tal-UE fl-era diġitali; jemmen li l-impenni tat-tliet istituzzjonijiet b'rabta ma' tali żviluppi għandhom jiġu identifikati b'mod ċar u inklużi fi kwalunkwe reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; jistieden lil-leġiżlaturi jużaw id-diġitalizzazzjoni sabiex jevitaw piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa u jiffaċilitaw il-ħidma leġiżlattiva;
12. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi strument ta' rappurtar uniku diġitali għall-impriżi, li jikkonsolida r-rekwiżiti ta' rappurtar li jirriżultaw mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju (NFRD), it-tassonomija, iżda wkoll ir-rekwiżiti ta' rappurtar mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" f'għodda unika, li tfasslet b'rekwiżiti specifichi u b'Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni u standards lesti u a-aċċessibbli b'mod modulari u diġitali għall-kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra;
13. Jisħaq fuq l-importanza ta' aċċess faċli għa-ċittadini għas-sorsi tal-liġi u l-ħtieġa li jinħoloq sit web trasparenti uniku fejn il-proccess leġiżlattiv kollu kemm hu kif ukoll dokumenti addizzjonali tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE jkunu jistgħu jiġu segwiti; 14. Jinnota li l-kummerċ għadu jiddependi fuq għadd kbir ta' dokumenti stampati; jemmen

¹² L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja huma definiti bħala oqfsa konkreti li, billi jipprovdu kuntest strutturat għall-esperimentazzjoni, jippermettu fejn xieraq f'ambjent tad-dinja reali, l-ittestjar ta' teknoloġiji, prodotti, servizzi jew approċċi innovattivi – speccjalment bħalissa fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni – għal żmien limitat u f'parti limitata ta' settur jew qasam taħt superviżjoni regolatorja, li jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji xierqa.

li d-diġitalizzazzjoni u l-użu ta' dokumenti kummerċjali elettroniċi jnaqqsu l-ispejjeż u l-kumplessità; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu vantaġġ mill-era diġitali u mill-ġhodod biex tnaqqas ċerti tipi ta' pizizzjoni jew obbligi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi esplorat l-użu ta' dokumenti kummerċjali elettroniċi, li se jżidu l-effiċjenza u s-sigurtà u jnaqqsu l-piż amministrattiv;

15. Jenfasizza li fl-UE hemm 22,6 miljun¹³ SME u li l-Kummissjoni għandha għalhekk mhux biss twestaq it-test tal-SMEs b'mod aktar sistematiku, iżda għandha tipprevedi wkoll test obligatorju tal-SMEs li għandu jitwettaq fil-proposti leġiżlattivi kollha fejn dan ikun applikabbli; jisħaq li tali test għandu jidentifika b'mod ċar kif tista' tinkiseb is-simplifikazzjoni f'termini ta' spejjeż u benefiċċji, u, fejn possibbli, jifformula rakkomandazzjonijiet addizzjonali biex jiġu evitati pizizzjoni amministrattivi jew regolatorji mhux meħtieġa għall-SMEs;
16. Ifakkar li l-applikazzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" minqux fl-Att dwar in-Negozji ż-Żgħir hija element essenzjali għat-test tal-proporzjonalità mwettaq qabel kwalunkwe proposta leġiżlattiva u għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-vuċijiet tal-SMEs jinstemgħu u li l-interessi tagħhom jiġu kkunsidrati kmieni kemm jista' jkun, sabiex jitravwem l-iżvilupp tal-SMEs, li huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea tagħna;
17. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq il-pożizzjoni ta' Rappreżentant għall-SMEs biex tgħin timminimizza l-piżizzjoni amministrattivi u regolatorji mhux meħtieġa madwar l-Istati Membri, u li għandu jinħatar b'kompetenzi orizzontali fi ħdan il-Kabinet tal-Presidenza;
18. Ifakkar li l-Politika Kummerċjali Komuni hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni u li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 207 tat-TFUE għandhom jiġu difiżi u ppreservati b'mod robust; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu evitati proċeduri ta' ratifika twal fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment li fihom elementi mħallta, sabiex jiġi żgurat li jidħlu fis-seħħ fil-waqt;
19. Jemmen bis-sħiħ li l-Ewropej kollha jridu jkun jistgħu jsegwu l-proċess leġiżlattiv tal-UE; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tagħmel il-portal web "Semma' leħnek" aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u li tikkonsolida l-konsultazzjonijiet pubbliċi f'"sejħa għal evidenza" unika; jitlob li d-dokumenti, il-kwestjonarji u l-kontributi relatati kollha jkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE kemm jista' jkun malajr; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u speċjalment dwar kif jiġu kkunsidrati t-tweġibiet, inkluż billi jiġi żgurat li t-tweġibiet jiġu mwieżna kif xieraq skont ir-rappreżentattività tagħhom, skont jekk jirrappreżentawx interessi individwali jew kollettivi; jinnotta li t-tfassil u l-għażla tal-konsultazzjoni għandhom effett sinifikanti fuq it-tip ta' input riċevut u l-eżitu nnifsu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li s-sejħiet kollha għal evidenza li tnedi jkun newtrali u imparzjali, inkluż billi tuża kwestjonarji li jkun mfassla b'mod li jkun ibbażat fuq l-evidenza u fformulat b'mistoqsijiet miftuħa, fejn applikabbli; itenni wkoll li l-petizzjonijiet lill-Parlament huma forma vitali ta' parteċipazzjoni u ta' feedback taċ-ċittadini, li l-Kummissjoni għandha tivvaluta u tindirizza b'mod regolari;

¹³ <https://www.statista.com/statistics/878412/number-of-smes-in-europe-by-size>

20. Jappella għal trasparenza akbar tal-proċess ta' konsultazzjoni u għall-pubblikazzjoni ta' rapporti sommarji tal-konsultazzjonijiet, disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE u aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabilità;
21. Iqis li l-Kummissjoni, fl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-politiki tal-UE jissejsu fuq fehim ċar tal-oqsma ta' politika soġġetti għal tibdil strutturali li jseħħ malajr, bħall-ambjent u d-diġitalizzazzjoni, għandha tagħmel użu mill-input inkluż fil-petizzjonijiet taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini hija kruċjali f'oqsma ta' politika bħad-drittijiet fundamentali, ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-għieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, tkun xi tkun il-kawża;
22. Jemmen li l-kwalità tal-leġiżlazzjoni li taffettwa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija determinata, fost parametri oħra, mil-leġittimità u l-effikaċja tagħha, li min-naħa tagħhom jiddependu fuq in-natura tal-proċess ta' konsultazzjoni, fuq kemm din il-leġiżlazzjoni tirreaġixxi għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi kkonċernati, u jekk l-implimentazzjoni tagħha tiksibx ir-riżultati mixtieqa mingħajr ma tikkawża ħsara; jilqa' l-fokus tal-Kummissjoni li ttejjeb il-fehim tal-ħtiġijiet u l-impatti tal-leġiżlazzjoni tal-UE barra l-UE billi żżid l-involviment ma' sħab esterni; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel dan l-impenn effettiv billi tiżgura proċessi ta' konsultazzjoni inklużivi, sinifikanti u effettivi, li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati affettwati bħas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll esperti u negozji fid-diversi oqsma kkonċernati; jissuġġerixxi li l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet u l-evidenza miġbura għandhom verament jintużaw bħala input fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni u, b'mod partikolari, li jitqiesu l-kuntest u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-partijiet ikkonċernati affettwati fil-pajjiżi sħab fejn għandha titwettag il-konsultazzjoni; jilqa' l-inizjattiva li l-proċessi ta' konsultazzjoni jsiru aktar iffokati, aktar ċari u faċli għall-utent; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-simplifikazzjoni prevista tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika ma tagħmilx ħsara lill-effikaċja tiegħu; jenfasizza r-rwol li d-delegazzjonijiet tal-UE jista' jkollhom, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-ħtieġa li jsiru disponibbli l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-konsultazzjonijiet;
23. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jirrispettaw il-prinċipji, id-drittijiet u l-obbligi minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u r-Regolament tal-Kunsill tal-KEE Nru 1/1958, kif ukoll fil-linji gwida u d-deċiżjonijiet interni, bħall-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba, fil-qasam tal-multilingwiżmu;
24. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu r-riżorsi umani meħtieġa biex jiżguraw li l-multilingwiżmu jiġi rispettat matul l-istadji differenti tal-proċess leġiżlattiv;
25. Iqis l-uniformità tal-verżjonijiet lingwistiċi fil-lingwi uffiċjali tal-UE bħala prerekwiżit kruċjali għall-interpretazzjoni affidabbli tar-regolamenti eżistenti mill-qrati u mill-awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri, u għalhekk bħala kontribut importanti għall-applikazzjoni u l-infurzar uniformi tad-dritt tal-UE; jappella lill-istituzzjonijiet biex jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti b'mod sostanzjali tul it-tfassil futur tal-liġijiet;
26. Jappella biex is-siti web kollha tal-Unjoni Ewropea dwar il-finanzjament u l-opportunitajiet tal-offerti jiġu tradotti simultanjament fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE peress li l-fatt li fil-bidu jkunu disponibbli fil-lingwa Ingliża jpoġġi lil Stati Membri li

ma għandhomx l-Ingliż bħala l-lingwa uffiċjali tagħhom fi żvantaġġ;

27. Jinsisti fuq ir-rabtiet b'saħħithom bejn l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' rkupru Next Generation EU u l-oġġettiv li tiġi żgurata reżiljenza aktar b'saħħitha tas-soċjetajiet tal-UE u l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE jilħqu liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar in-natura fundamentali ta' dawn il-kompiti politiċi u l-implimentazzjoni tagħhom; jemmen li tali sensibilizzazzjoni fl-aħħar mill-aħħar għandha tikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet interistituzzjonali aktar effettivi li kapaċi jirrispondu b'mod robust u deċiżiv għall-esperjenzi tal-pandemija;
28. Jappella għal dialogu politiku aktar b'saħħtu bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-parlamenti nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;
29. Jirrikonoxxi t-tendenza attwali fejn, fl-ambitu tal-Protokollu Nru 1 u Nru 2, il-parlamenti nazzjonali jimmiraw għal iżjed involviment permezz tad-dialogu politiku dwar il-politiki tal-UE sabiex jiġi żviluppat valur miżjud akbar għaċ-ċittadini; jirrikonoxxi wkoll it-talbiet għal involviment simili li jħares 'il quddiem tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni f'dan ir-rigward permezz tal-opinjoni jiet fuq inizjattiva proprja;
30. Ifakkar li proporzjon sinifikanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE huwa implimentat fil-livelli sottonazzjonali li għandhom esperjenza siewja diretta fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'kuntatt mill-qrib mal-ekonomija lokali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini, u jistgħu jgħinu biex jissaħħu l-effikaċja u l-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-UE;
31. Itenni l-ispeċifità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-ħtieġa għal konsultazzjonijiet imfassla apposta; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkonsulta b'mod proattiv lill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni fl-iżvilupp ta' konsultazzjonijiet miftuħa u pjanijiet direzzjonali għal proposti li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-livelli sottonazzjonali tal-gvern;
32. Jenfasizza li s-sussidjarjetà attiva hija komponent integrali tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar; jilqja', f'dan ir-rigward, il-fatt li l-Kummissjoni qed tagħmel użu akbar fil-proposti leġiżlattivi tagħha tal-grilja tal-valutazzjoni tas-sussidjarjetà, kif issuġġerit fil-komunikazzjoni tagħha tat-23 ta' Ottubru 2018 bit-titolu "Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità: Insaħħu r-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE" (COM(2018)0703);
33. Jistenna li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa twitti wkoll it-triq għal aktar riformi relatati mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, b'mod partikolari billi tapplika wkoll is-sussidjarjetà fil-proċessi ta' governanza tal-UE;
34. Jirrikonoxxi li regolamentazzjoni aħjar hija oġġettiv u responsabbiltà komuni tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jikkonferma li, bħala koleġiżlatur, il-Parlament se jissimplifika s-servizzi interni tiegħu biex jikkontribwixxi aħjar għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE b'dimensjonijiet esterni fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż tat-testi rilevanti adottati mill-Parlament relatati mal-proċeduri leġiżlattivi u l-programmi ta' nfiq tal-UE; jikkonferma wkoll li se jsaħħaħ kif xieraq il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-kumitati, isaħħaħ l-għarfien espert dwar il-politiki tal-iżvilupp fil-kumitati rilevanti kollha u jiċċara r-rwol li l-Kumitat għall-

Iżvilupp huwa mitlub jaqdi bħala garanti tal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, kif iddikjarat fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (Anness VI), dan kollu bil-għan li jittejbu l-kwalità u l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni tal-UE;

35. Ifakkar li l-fatt li l-petizzjonijiet taċ-ċittadini jiġu eżaminati kontinwament u bir-reqqa jippreżenta opportunitajiet kbar biex ir-regolamentazzjoni aħjar issir aktar inklużiva u effiċjenti u biex dawk li jfasslu l-politika jifhmu aħjar ir-realtajiet lokali u reġjonali u t-tħassib u l-prijoritajiet taċ-ċittadini; jirrikonoxxi li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tiżgura trattament ugwali taċ-ċittadini u tan-negozji, u l-infurzar effettiv tad-drittijiet taċ-ċittadini fl-Unjoni kollha u li għandu jiġi ggarantit infurzar b'saħħtu u ugwali tar-regoli Ewropej eżistenti;
36. Ifakkar fl-importanza li jinżamm kuntatt mill-qrib bejn il-koleġiżlaturi qabel in-negozjati interistituzzjonali, inkluż billi jiġu mistiedna rappreżentanti ta' istituzzjonijiet oħra għal skambji informali ta' opinjonijiet fuq bażi regolari, f'konformità mal-impenn indikat fil-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; jiddispjaċih li dan l-impenn ma wassal għall-ebda struttura ġdida ta' kooperazzjoni u lanqas għal prattiki sistematiki biex dawn l-iskambji jiġu ffaċilitati; jissuġġerixxi li l-koleġiżlaturi jaqblu dwar kodiċi ta' prattika tajba f'dak ir-rigward;
37. Jemmen bis-sħiħ li trid issir aktar enfasi fuq il-konsultazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni istituzzjonali bejn u fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE; ihegġegħ lill-Kummissjoni tissimplifika l-proċeduri interni tagħha biex tassoċja sistematikament lid-DĠ INTPA mal-valutazzjonijiet tal-impatt kollha, b'mod partikolari għal-leġiżlazzjoni interna b'effetti potenzjali lil hinn mill-UE, u tqis kif xieraq l-inputs, is-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti minn dan id-DĠ fil-qafas tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-involviment u l-parteċipazzjoni sinifikanti tad-DĠ INTPA matul il-konsultazzjonijiet bejn is-servizzi u fil-GRI (Grupp għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali) u l-EXCO (Grupp għall-Koordinazzjoni Esterna), u tqis kif xieraq l-inputs minn dan id-DĠ ewlieni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
38. Jappella għall-integrazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-leġiżlazzjoni tal-UE billi jiġu previsti valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi fuq id-drittijiet tat-tfal; jappella, f'dan ir-rigward, għall-introduzzjoni ta' test tad-drittijiet tat-tfal fil-qafas tas-sett ta' għodod tal-valutazzjonijiet tal-impatt, li jista' jikkonsisti f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inkluż mekkaniżmu għall-parteċipazzjoni tat-tfal, l-identifikazzjoni taż-żoni affettwati, il-kejl tal-impatt fuq it-tfal u l-valutazzjoni ta' mekkaniżmi alternattivi;
39. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex, filwaqt li ssegwi l-impenn tagħha minqux fl-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, tniedi aktar konsultazzjonijiet pubbliċi indirizzati lejn it-tfal u l-adolesxenti u tuża b'mod attiv il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal biex tinkludi l-vuċi taċ-ċittadini żgħażaġh fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE;
40. Jappella lill-istituzzjonijiet biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' persuni vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabilità fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' aċċess aħjar għall-informazzjoni għaċ-

ċittadini kollha; jappella għat-tnedija ta' aktar konsultazzjonijiet pubbliċi mmirati lejn gruppi partikolari, bħat-tfal, iż-żgħażaġh u l-anzjani; jistieden lil dawk kollha li jieħdu d-deċizzjonijiet fl-UE biex iqisu l-input tal-partijiet ikkonċernati u jiżguraw segwitu effettiv fil-proċessi tat-teħid ta' deċizzjonijiet sussegwenti;

41. Jappella sabiex jiġu żviluppati indikaturi tal-impatt għal kwistjonijiet speċifiċi bħall-impatti fuq gruppi vulnerabbli; ifaħħar, f'dan ir-rigward, il-proposta tal-UNICEF għal indikatur għat-tfal li jevalwa l-impatt tal-politiki fuq it-tfal u jappella għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi simili f'oqsma ta' politiki oħra;
42. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-proposti leġiżlattivi kollha, mingħajr eċċezzjoni; jiddispijaċih profondament li dan ma kienx il-każ għal diversi proposti politikament sensittivi fil-passat; ifakkar li f'diversi okkażjonijiet il-Parlament wettaq il-valutazzjonijiet tal-impatt tiegħu stess minflok dawk tal-Kummissjoni, sabiex jissostanzja t-tfassil tal-politika; jappella biex jiġu allokati biżżejjed ħin u riżorsi għall-valutazzjonijiet tal-impatt sabiex tiġi żgurata l-kwalità tagħhom; madankollu, ifakkar li l-valutazzjonijiet tal-impatt jgħinu biex jissostanzjaw it-teħid ta' deċizzjonijiet politiċi, iżda qatt ma għandhom jissostitwixxu jew idewmu bla bżonn il-proċess leġiżlattiv; jenfasizza, madankollu, li l-enfasi ewlenija matul il-proċess leġiżlattiv tal-UE għandha tkun fuq il-kwalità, it-trasparenza u l-aktar għarfien u data aġġornati fil-valutazzjonijiet tal-impatt u mhux fuq il-ħeffa li biha jitlestew l-inizjattivi; jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt jiġu ppubblikati immedjatament wara li jitlestew, u mhux biss meta tiġi ppreżentata l-proposta ta' politika, u b'hekk tiġi żgurata trasparenza akbar ta' kif jittieħdu d-deċizzjonijiet tal-UE; jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni effettiva ta' regolamentazzjoni aħjar u, b'mod partikolari, tal-valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* se tirrikjedi livell xieraq ta' riżorsi umani; ihegġegħ lill-Kummissjoni talloka l-mezzi meħtieġa f'dan ir-rigward;
43. Jenfasizza n-nuqqas rikonoxxut ta' valutazzjonijiet tal-impatt għal diversi fajls leġiżlattivi ewlenin u jesprimi dispijaċir dwar dan; dan jista' jiġi attribwit biss parzjalment għall-pandemija tal-COVID-19, u jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika dokument ta' ħidma tal-persunal analitiku bi proposti jew fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħhom, f'każijiet fejn ma tħejjiex valutazzjoni tal-impatt; jisħaq li, filwaqt li dan huwa pass pożittiv lejn aktar trasparenza, dan m'għandux iwassal biex il-Kummissjoni tevita l-obbligi tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha, u li l-Kummissjoni għandha tippubblika dokumenti ta' ħidma tal-persunal fl-istess ħin tal-proposta leġiżlattiva;
44. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u l-verifika rurali¹⁴, sabiex tqis aħjar il-ħtiġijiet u l-ispeċifitajiet ta' territorji differenti tal-UE, bħal żoni urbani/rurali, żoni transfrontiera u reġjuni ultraperiferiċi; ifakkar fl-importanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali għall-Kumitat Ewropew tar-

¹⁴ Fil-komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040" (COM(2021)0345), il-Kummissjoni tiddekrivi l-verifika rurali kif ġej: "Minħabba n-natura multidimensjonali tal-iżvilupp rurali u l-fatt li t-Trattati jimmiraw lejn il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, hemm bżonn li jiġu rieżaminati l-politiki tal-UE minn perspettiva rurali, filwaqt li jitqiesu l-impatti u l-implikazzjonijiet potenzjali tagħhom fuq l-impjiegi u t-tkabbir rurali kif ukoll il-prospetti ta' żvilupp, il-benesseri soċjali u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-kwalità ambjentali taż-żoni rurali".

Reġjuni, inklużi l-valutazzjonijiet tal-impatt rurali, il-valutazzjonijiet tal-impatt urbani u l-valutazzjonijiet tal-impatt transfruntiera;

45. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati għodod addizzjonali biex jiġu vvalutati l-impatti ambjentali ta' politiki, inizjattivi u leġislazzjoni ġodda fejn l-għodod eżistenti mhumiex biżżejjed, sabiex jiġi żgurat li l-ambizzjonijiet ekoloġiċi tal-Kummissjoni von der Leyen, flimkien mal-enfasi tagħha fuq l-SDGs tan-NU, isiru aktar prominenti fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni; f'dan ir-rigward, jappella biex jiġu kkunsidrati l-ispejjeż li jistgħu jirriżultaw min-nuqqas ta' azzjoni politika, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, il-klima, l-ambjent u d-dimensjoni soċjali, u l-effetti kumulattivi li jirriżultaw mid-dewmien; jemmen li l-valutazzjonijiet tal-impatt iridu jagħtu attenzjoni ugwali lill-evalwazzjoni tal-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, tas-saħħa u dawk ambjentali tal-proposti tal-Kummissjoni b'mod partikolari, u li jrid jiġi vvalutat l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
46. Jiddispjaċih għall-fatt li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-politika u l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari tal-leġislazzjoni interna mhux tal-iżvilupp, għadhom ftit u ma jivvalutawx u ma jindirizzawx kif xieraq l-impatt potenzjali fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jemmen bis-sħiħ li l-valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* huma għodda siewja biex jiġu identifikati u indirizzati r-riskji potenzjali ta' proposta politika u/jew leġislattiva dwar il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod partikolari dwar il-pajjiżi l-inqas żviluppati; jistieden lill-Kummissjoni tagħti aktar attenzjoni lill-impatt tal-leġislazzjoni tal-UE fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tirrispetta u tippromwovi l-oġġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'dawn l-inizjattivi, meta rilevanti, b'mod partikolari f'oqsma bħall-migrazzjoni, l-ambjent, l-agrikoltura u l-ġlieda kontra l-kriminalità tranżnazzjonali, bħall-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-drogi u tal-bnedmin u l-ħasil tal-flus; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tittrasforma l-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-impatt f'dispożizzjonijiet legali fl-atti leġislattivi tagħha mhux relatati mal-iżvilupp, sabiex jirriflettu aħjar l-impenn tal-UE favur l-Artikolu 208 tat-TFUE; 47. Jesprimi tħassib dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima f'każijiet fejn ma titwettaq l-ebda valutazzjoni tal-impatt, speċjalment għal proposti politikament sensitivi, inkluża leġislazzjoni sekondarja; ifakkar li, kif miftiehem skont il-Ftehim Interistituzzjonali, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi, l-atti delegati u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha li huma mistennija li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti;
48. Jinnota li l-għodda numru 35 fiha elementi biex jiggwidaw il-prestazzjoni tal-analiżi tal-impatt fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jistenna li din l-għodda tintuża b'mod estensiv; iqis li s-setturi attwali li għalihom il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jingħataw prijorità jeħtieġ li jirriflettu l-isfidi kurrenti u futuri tal-Unjoni u jirriflettu wkoll il-pożizzjonijiet tal-Parlament, u għandhom juru korrispondenza ċara mal-oqsma rilevanti tad-dritt tal-UE, sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' leġislazzjoni li għaliha jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari; jissuġġerixxi li s-sett ta' għodod jeħtieġ li jissaħħaħ aktar sabiex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-analiżi tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jissuġġerixxi li tiġi introdotta intestatura ġdida, "Impatt fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw", għal għodod speċifiċi fis-sett ta' għodod, inklużi l-għodod numru 23, 25 u 26, iżda mhux limitati għalihom; jissuġġerixxi li taħt

dik l-intestatura, jiddaħħlu għadd ta' mistoqsijiet ta' gwida sabiex jiġi identifikat jekk il-leġiżlazzjoni tikkontribwixxix għall-objettivi tal-politika tal-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakkar li l-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fuq it-tfal, il-popli indiġeni, il-persuni LGBTIQ u gruppi vulnerabbli oħra, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma ta' importanza għall-kooperazzjoni Ewropea għall-iżvilupp; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi kategoriji separati ta' valutazzjonijiet tal-impatt dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-ġeneru u d-drittijiet tan-nisa u dwar l-istat tad-dritt u l-governanza tajba fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakkar li sabiex wieħed jitgħallem minn azzjonijiet tal-passat u jitjieb fil-futur, huwa importanti wkoll li tiġi evalwata b'mod kostanti l-effikaċja tal-proċeduri u l-għodod, u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lura regolarment lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-għodda numru 35;

49. Jissottolinja l-importanza li l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem jiġu interkonnessi mal-qafas ta' politika l-ġdid tal-UE dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem billi jiġi żgurat li d-data ġġenerata dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-impriżi u r-riskji ambjentali għal kull settur, attività kummerċjali u katina tal-valur tikkontribwixxi għall-korpi tal-infurzar u tal-monitoraġġ fil-livell tal-UE u nazzjonali, filwaqt li jiġu pprovduti punti ta' riferiment li jistgħu jitkejlu u kontenut sostantiv;
50. Ifakkar li l-Parlament stabbilixxa direttorat dedikat, id-Direttorat għall-Valutazzjoni tal-Impatt u l-Valur Miżjud Ewropew, biex ikun jista' jwettaq valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* u *ex post* bil-ħsieb li jappoġġa t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u jappella għal biżżejjed finanzi u riżorsi umani għal dan id-direttorat u servizzi oħra tal-Parlament li huma maħsuba biex jappoġġaw il-kapaċità tal-Membri li jtejbu l-funzjonijiet tagħhom bħala koleġiżlaturi;
51. Ifakkar li l-valutazzjonijiet tal-Parlament għandhom iqisu l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet f'termini tal-kisba tal-objettivi tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-valur għall-flus u jżommu l-ispejjeż reali proporzjonali għall-benefiċċji, l-adeqwatezza u r-rilevanza tagħhom għall-ħtiġijiet emerġenti, il-valur miżjud tagħhom u l-koerenza interna u esterna tagħhom ma' oqsma oħra ta' politika;
52. Jappoġġa l-impenn tal-Kummissjoni għar-rieżamijiet tal-politika u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tagħmel użu akbar ta' valutazzjoni *ex post* biex tevalwa l-effikaċja u l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni, li min-naħa tagħhom jistgħu jgħinu biex jissostanzjaw l-iżviluppi tal-politika futura u jtejbu l-approċċi ta' regolamentazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "l-ewwel evalwa" biex jiġi żgurat li t-tagħlimiet meħuda mill-passat ikunu jistgħu jinfluwenzaw l-azzjoni taċ-ċiklu tal-politika futura; jinsab imħasseb serjament dwar it-tendenza dejjem tikber ta' evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt li qed jitwettqu b'mod parallel, għalkemm ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom jikkontribwixxu għal kwalunkwe reviżjoni tal-leġiżlazzjoni;
53. Jilqa' l-fatt li l-kontroll tal-kwalità għall-evalwazzjonijiet u l-istudji ta' appoġġ tagħhom ġie standardizzat permezz ta' gruppi interservizzi u listi ta' kontroll tal-kwalità; josserva, madankollu, li l-istess kontrolli tal-kwalità mhumiex stabbiliti fir-rigward ta' rieżamijiet *ex post* għajr l-evalwazzjonijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddefinixxi sett ta' standards

minimi ta' kwalità għar-rieżamijiet *ex post* minbarra l-evalwazzjonijiet bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kwalità ta' għandhom fis-servizzi kollha tal-Kummissjoni; iqs li tali standards minimi ta' kwalità għandhom jirrikjedu rieżamijiet *ex post* biex jinkludu deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija użata, inklużi għodod għall-ġbir u l-analiżi tad-data, ġustifikazzjoni tal-għażla ta' għandhom u l-limitazzjonijiet involuti;

54. Jenfasizza li l-klawżoli ta' monitoraġġ u ta' rieżami fil-leġiżlazzjoni jiżguraw li d-data meħtieġa tinġabar u tiġi evalwata; jistieden lill-Kummissjoni biex, b'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fil-kuntest tal-Ftehim Interistituzzjonali eżistenti, tiżviluppa sett ta' għodod interistituzzjonali dwar klawżoli ta' rieżami u monitoraġġ, li jkun fih, fost affarijiet oħra, tassonomija ta' eżiti possibbli u/jew rieżamijiet *ex post* li jistgħu jintalbu u gwida dwar l-abbozzar ta' klawżoli ta' monitoraġġ, kemm għall-istituzzjonijiet, għall-korpi tal-UE kif ukoll għall-Istati Membri;
55. Jisħaq li l-evalwazzjonijiet *ex post* huma wkoll għodda importanti biex jiġi vvalutat l-impatt tal-leġiżlazzjoni fuq iċ-ċittadini u n-negozji, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-impatt fuq l-SMEs, u jistieden lill-Kummissjoni tippermetti lill-Pjattaforma F4F u lill-Istati Membri jipprovdu feedback dwar l-istimi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-Kummissjoni wara l-implimentazzjoni;
56. Jisħaq li l-oġettivi tat-tfassil aħjar tal-liġijiet jeħtieġ li jiġu rieżaminati u evalwati b'mod regolari fil-konfront tal-kriterji tal-aġenda għat-tfassil aħjar tal-liġijiet, inkluż il-monitoraġġ u r-rappurtar; jissottolinja li l-oġettivi jeħtieġ li jkunu b'bilanċjati sew, proporzjonati u evalwati f'termini tal-effikaċja ta' għandhom; ifakkar fl-importanza li jkun hemm data komparabbli fl-UE kollha għall-fini ta' din l-evalwazzjoni u jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk l-użu tal-għodod ta' regolamentazzjoni aħjar servix biex intlaħqu oġettivi bħal titjib fl-eżiti tal-politika;
57. Jilqa' l-impenn imġedded tal-Kummissjoni favur it-trasparenza tal-proċess ta' evalwazzjoni u jappella għall-pubblikazzjoni ta' pjanijiet ta' evalwazzjoni pluriennali, inkluża l-informazzjoni ta' sfond rilevanti użata; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiżdied id-disponibbiltà ta' evidenza pubblika, kompluta u aċċessibbli li tappoġġa l-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet, u jilqa', f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb ir-reġistri ta' evidenza ta' għandhom u r-rabtiet bejniethom, kif ukoll li tagħmel il-bażijiet tad-data u r-repożitorji interni ta' għandhom aċċessibbli għall-pubbliku; jappoġġa, f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi Portal Leġiżlattiv Konġunt, li għandu jipprovdi l-aktar lay-out intuittiv u esperjenza faċli għall-utent possibbli sabiex tiġi evitata informazzjoni żejda, u jinsisti fuq il-ħtieġa li dan il-portal konġunt isir kompletament operattiv sa tmiem l-2022; japprova l-oġettiv ta' aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet biex jiġi ffaċilitat u ssimplifikat l-aċċess għad-data kollha miġbura dwar inizjattiva ta' politika partikolari matul il-proċess leġiżlattiv kollu;
58. Jissottolinja li l-proġetti pilota ffinanzjati mill-UE u l-provi tal-kunċett, fejn possibbli, jistgħu jikkontribwixxu għat-tfassil tal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni, kif ukoll jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' għandhom;
59. Jisħaq li huwa importanti li l-Kummissjoni twieġeb mistoqsijiet bil-miktub mill-Parlament fi żmien xieraq; jiddispjaċih dwar il-fatt li fil-passat il-maġġoranza l-kbira tal-mistoqsijiet bil-miktub ġew imwieġba tard u jinsisti li l-Kummissjoni tnaqqas iż-

żmien għar-rispons tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub. jirrimarka li l-kwalità tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Parlament spiss tkun fqira ħafna u jitlob, għalhekk, titjib immedjat u strutturalment sinifikanti tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet parlamentari;

60. Jisħaq li t-trasparenza mill-istituzzjonijiet Ewropej hija essenzjali għall-proċess leġislattiv, peress li ċ-ċittadini għandhom id-dritt li jkunu jafu kif isiru l-liġijiet li jaffettwawhom; jilqa' l-ftehim li ntlaħaq reċentement dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza mal-Kunsill; jiddispjaċih għall-fatt li mhux l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, kif ukoll ir-rappreżentanzi tal-Istati Membri, huma obbligati japplikaw ir-Reġistru tat-Trasparenza;
61. Jappella għal aktar titjib fi ħdan l-istituzzjonijiet kollha tat-trasparenza tad-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet; jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill u l-prattika ta' klassifikazzjoni żejda tad-dokumenti u tal-applikazzjoni ta' interpretazzjoni wiesgħa ħafna tal-eċċezzjonijiet inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1049/2001, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-protezzjoni tal-pariri legali, li spiss ifisser li l-prinċipju tal-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar ta' dokumenti relatati ma jiġix applikat; jemmen li l-użu ta' eċċezzjonijiet ta' segretezza għad-dokumenti tal-Kunsill għandu jiġi applikat f'sistema koerenti b'sorveljanza indipendenti u konsistenza mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE); iħeġġeġ lill-Kunsill iżid l-għadd u t-tip ta' dokumenti rilevanti li jagħmlu pubbliċi, b'mod partikolari l-pożizzjonijiet espressi mill-Istati Membri, sabiex il-pubbliku jkollu l-opportunità li jkun jaf x'pożizzjoni ħa l-gvern tagħhom f'isimhom fil-livell tal-UE u wkoll biex jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-iskrutinju tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE mill-parlamenti nazzjonali, li japplika għad-deċiżjonijiet kollha, mill-fajls leġislattivi għall-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati;
62. Ifakkar li t-trasparenza u l-pubbliċità b'rabta ma' proċedura leġislattiva li tkun għaddejja huma inerenti għall-proċess leġislattiv u għalhekk ikunu jistgħu jiġu applikati għall-aċċess għal dokumenti għat-trilogi kif iddikjarat mill-QĠUE fil-ġurisprudenza tagħha, fil-kawża T-540/15, *Emilio De Capitani vs Il-Parlament Ewropew*, b'mod partikolari; jemmen li jeħtieġ li l-UE tiżviluppa aċċess aktar ambizzjuż għall-politika tad-dokumenti u tipprovdi għal applikazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti, inkluż għad-dokumenti relatati man-negozjati interni, tat-trilogu u internazzjonali; ifakkar li skont l-Ombudsman Ewropew, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għad-dokumenti, b'mod partikolari d-dokumenti leġislattivi, għandhom ikunu eċċezzjonali u limitati għal dak li huwa assolutament neċessarju; iżid, barra minn hekk, li l-ftuħ u t-trasparenza jagħtu leġittimità u fiduċja akbar fil-proċess leġislattiv demokratiku tal-UE; jiddispjaċih dwar il-prattika fejn "l-effiċjenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni" tiġi invokata b'mod regolari biex jiġi rrifjutat l-aċċess għal dokumenti preparatorji leġislattivi;
63. Iqis li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti jista' jiġi rieżaminat sabiex, pereżempju, id-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni diġitali tad-dokumenti, il-ġurisprudenza eżistenti dwar it-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti, u l-iżviluppi ġenerali fil-perċezzjoni pubblika tat-trasparenza jitqiesu bis-sħiħ; jenfasizza li kwalunkwe reviżjoni għandha twassal għal aktar trasparenza, mhux inqas;

64. Jisħaq li proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi u leġislattivi miftuħ, effiċjenti, trasparenti u indipendenti huwa prekondizzjoni għal politiki u regolamentazzjoni ta' kwalità għolja; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' proċeduri amministrattivi armonizzati tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-governanza tajba u l-prattiki regolatorji fl-UE u ssaħħaħ ir-rabta bejn it-teħid ta' deċiżjonijiet espert u l-leġittimità demokratika; ifakkar li fir-risoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013, tad-9 ta' Ġunju 2016 u tal-20 ta' Jannar 2021 il-Parlament talab l-adozzjoni ta' regolament dwar amministrazzjoni tal-UE miftuħa, effiċjenti u indipendenti skont l-Artikolu 298 tat-TFUE, iżda jinnota li din it-talba ma ngħatax segwitu għaliha permezz ta' proposta tal-Kummissjoni; jistieden, għalhekk, għal darb'oħra lill-Kummissjoni tressaq proposta leġislattiva dwar liġi Ewropea tal-proċedura amministrattiva, filwaqt li tqis il-passi li ttieħdu s'issa mill-Parlament f'dan il-qasam;
65. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu applikati prinċipji konsistenti tal-abbozzar leġislattiv, b'mod partikolari t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, kif ukoll iċ-ċarezza u l-preċiżjoni, f'konformità mal-prinċipji rikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-QĠUE;
66. Jirrimarka li l-korpi b'livelli saħansitra aktar baxxi ta' trasparenza bħall-Grupp tal-Euro għandhom, bħala l-ewwel pass, ikunu soġġetti għar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill, filwaqt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-proċeduri ta' votazzjoni, il-minuti, ir-riżultati, u l-ispjegazzjoni tal-voti u d-deliberazzjonijiet tagħhom;
67. Jieħu nota tal-użu ta' strumenti bħal REFIT u l-pjattaforma F4F biex jiġu identifikati opportunitajiet għas-simplifikazzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi bla bżonn qabel ma l-Kummissjoni tipproponi reviżjoni, filwaqt li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' protezzjoni u tissaħħaħ il-konformità mad-dritt tal-Unjoni; ifakkar li r-rwol tal-pjattaforma F4F huwa wkoll li jiġi vvalutat jekk leġislazzjoni speċifika tal-Unjoni u l-oġġettivi tagħha jibqgħux validi għall-futur, proporzjonati u adattati għal sfidi ġodda, filwaqt li l-enfasi jkun fuq it-tpaċija regolatorja;
68. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tidentifika l-aktar soluzzjonijiet effettivi billi tapplika l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar sabiex, għall-finijiet tal-politiki tal-UE, il-benefiċċji jkunu jistgħu jiġu massimizzati u l-ispejjeż assoċjati jiġu minimizzati simultanjament fl-interessi tal-benefiċjarji; jissottolinja l-ħtieġa tal-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" u t-tisħiħ tal-prinċipju li wieħed ikollu viżibbiltà "kbira fuq affarijiet kbar, u żgħira fuq affarijiet żgħar" sabiex tiġi żgurata enfasi xierqa fuq l-SMEs fil-leġislazzjoni tal-UE u dik nazzjonali u bħala l-bażi għal impenn interistituzzjonali ġdid biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi;
69. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi sottogrupp fi ħdan il-Pjattaforma F4F li jikkonsisti min-Network taċ-Ċentri Reġjonali tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu sinifikanti għall-opinjonijiet tal-pjattaforma u ssaħħaħ l-approċċ ibbażat fuq l-evidenza tal-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante* tagħha b'għarfien espert lokali u reġjonali;
70. Ifakkar li r-rieżamijiet ta' nofs it-terminu u l-klawżoli ta' estinzjoni huma għodod utli biex jiġi żgurat li l-liġijiet tagħna tal-UE jkunu dejjem aġġornati jew jiġu rtirati fil-ħin wara li jaqdu l-iskop tagħhom; iqis li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tintroduċi approċċ aktar integrat dwar is-sostenibbiltà li jqis aħjar l-interazzjoni tal-impatti

ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE; jirrakkomanda li l-Pjattaforma F4F tidentifika u tesplora leġiżlazzjoni li tmur kontra l-Patt Ekoloġiku Ewropew u objettivi usa' tal-SDG, inkluż billi tadotta approċċ ta' "aħseb l-ewwel fis-sostenibbiltà" f'dan il-kuntest;

71. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni¹⁵ biex tiffaċilita l-kisba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi tindirizza l-ostakli u l-burokrazija żejda li jistgħu jnaqqsu r-ritmu tal-implimentazzjoni tiegħu, billi tagħti attenzjoni speċjali lill-implikazzjonijiet u l-ispejjeż tal-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni, speċjalment għall-SMEs;
72. Ifakkar li l-valutazzjoni ta' "piż mhux meħtieġ" jeħtieġ li tqis l-effetti "netti" tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'livelli amministrattivi differenti, filwaqt li tqis bis-siġħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, fejn l-adozzjoni ta' biċċa waħda ta' leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE, speċjalment fil-forma ta' regolamenti tal-UE applikabbli direttament, tista' tirriżulta f'piż amministrattiv aktar baxx fil-livelli nazzjonali jew lokali, kif ukoll ittejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi r-regoli jsiru trasparenti u prevedibbli u jiġu applikati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha tal-UE, u b'hekk jitnaqqsu wkoll l-ispejjeż u l-impatt ta' esternalitajiet negattivi relatati mal-ambjent, il-klima u s-saħħa; jinnota li l-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE ssir aktar ċara biex tikkonforma magħha, pereżempju permezz tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar, jista' jappoġġa l-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-UE;
73. Jinnota jeħtieġ li jsir aktar progress, b'mod partikolari fil-qasam tas-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-forom u l-proċeduri, bl-implimentazzjoni konsistenti tal-prinċipji "ta' darba biss" u "diġitali b'mod awtomatiku", kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri;
74. Jemmen li l-ftehimiet internazzjonali kollha dwar il-kummerċ u l-investment jeħtieġ li jkunu "adatti għall-futur" fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, u b'hekk jippromwovu s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u jikkontribwixxu għat-tweġġ tal-impennji internazzjonali; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt dwar is-sostenibbiltà qabel it-tnedija ta' negozjati dwar il-kummerċ u l-investment; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żviluppat u jsir użu minn approċċ aktar integrat dwar is-sostenibbiltà li jqis aħjar l-interazzjoni tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-inizjattivi tal-UE, inklużi l-ftehimiet kummerċjali u ta' investment tagħha, billi jitqies ukoll l-impatt kumulattiv li l-proposti leġiżlattivi differenti, kif ukoll il-ftehimiet kummerċjali u ta' investment, jista' jkollhom b'mod ġenerali;
75. Jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jużaw l-għarfien espert minn oqsma ta' politika differenti sabiex jiżguraw l-aħjar teħid ta' deċiżjonijiet u jadottaw miżuri effettivi ħafna; jappella sabiex it-tliet istituzzjonijiet tal-UE jtejjbu l-koordinazzjoni bejn il-korpi interni tagħhom u jevitaw li jaħdmu b'mod iżolat; jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni ta' sistemi regolatorji koerenti permezz, pereżempju, tal-armonizzazzjoni ta' kunċetti f'inizjattivi leġiżlattivi relatati, peress li dan jista' jtejjeb il-konformità;
76. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu esplorati approċċi leġiżlattivi innovattivi bħad-disinn legali;

¹⁵ L-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 – it-taqsimiet kollha.

jenfasizza li d-disinn legali huwa approçc iċċentrat fuq il-bniedem li jista' jgħin biex jitnaqqas id-distakk bejn iċ-ċittadini tal-UE, il-partijiet ikkonċernati u l-leġiżlazzjoni tal-UE; ifakkar li approçc iċċentrat fuq il-bniedem jippresupponi li l-leġiżlazzjoni għandha primarjament tinholq b'kunsiderazzjoni taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati u għandha tkun tinftiehem faċilment;

77. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Gruppi Fokali tal-Parlament filwaqt li tiġi ssottolinjata l-hteġa li jiġu riveduti l-Artikoli 132 u 166 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar l-aċċess għall-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex il-Membri tal-PE jkunu jistgħu jattendu jew isirulhom mistoqsijiet matul il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill, tal-COREPER jew tal-Kunsill;
78. Jisħaq fuq id-dritt stabbilit fl-Artikolu 218(10) tat-TFUE biex il-Parlament Ewropew jinżamm infurmat immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura relatata ma' ftehimiet internazzjonali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali; jiddeplora l-fatt li l-Parlament ma jingħatax aċċess għall-proposti differenti relatati mal-pożizzjonijiet ta' negozjar tal-partijiet kontraenti għall-ftehimiet internazzjonali dwar il-kummerċ u l-investment; iqis li l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li jirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat li kull istituzzjoni tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha u tissodisfa l-obbligi tagħha minqusa fit-Trattati rigward in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, għandu jiġi implimentat b'mod adegwat f'dan ir-rigward;
79. Jissottolinja l-hteġa li tiġi żgurata l-proporzjonalità tar-rekwiżiti regolatorji fil-kuntest tal-istrumenti kummerċjali internazzjonali;
80. Jisħaq li l-prattiki stabbiliti b'rabta mal-applikazzjoni proviżorja tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investment għandhom jiġu applikati għall-ftehimiet internazzjonali kollha, sabiex jiġi żgurat li l-ebda ftehim ma jiġi applikat b'mod proviżorju qabel ma l-Parlament ikun ivvota biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu;
81. Jemmen li regolamentazzjoni effettiva trid tilħaq bilanċ bejn il-ħtiġijiet fuq terminu qasir u l-isfidi fit-tul; jissottolinja li l-"prospettiva strateġika" għandha rwol ewlieni biex tgħin fit-tfassil tal-politika tal-UE li tibqa' valida fil-futur billi tiżgura li l-valutazzjonijiet ta' inizjattivi ġodda jkunu bbażati fuq perspettiva aktar fit-tul, filwaqt li jenfasizza l-valur miżjud ta' leġiżlazzjoni ta' kwalità bħala investment fil-futur; jilqa' l-integrazzjoni ta' "elementi ta' prospettiva" fl-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet; iqis, madankollu, li l-Kummissjoni għandha tallinja aħjar u tgħaqqad aħjar l-attivitajiet tagħha ta' regolamentazzjoni aħjar u prospettiva strateġika sabiex tintegra aħjar iż-żewġ proċessi; jissottolinja li l-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż, tiddeċiedi dwar il-kompromessi u timplimenta prospettiva strateġika għadha mhix ċara, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi prova ta' kif dawn l-approçċi ġew segwiti fil-prattika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina għodod innovattivi għall-valutazzjoni tal-ispejjeż; jirakkomanda bil-qawwa f'dan ir-rigward ukoll li jitqiesu r-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) u l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbiliti

bl-Artikolu 10(a) tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 b'rabta mar-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika fil-proċess ta' prospettiva strateġika;

82. Jieħu nota tal-involvement tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fil-valutazzjonijiet tal-impatt, il-kontrolli tal-idoneità, u l-evalwazzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni attwali, ħaġa li ttejjeb l-ħidma tal-Kummissjoni bbażata fuq l-evidenza; jinnota li l-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jista' jkollu rwol biex jiġu żgurati livell ta' ħidma imparzjali u ta' kwalità għolja mill-Kummissjoni u li l-għarfien espert u l-esperjenza tiegħu jistgħu jintużaw biex jitwettqu kompiti oħra fi ħdan il-Kummissjoni; jišhaq li l-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jista' jipprovdi kontroll effettiv fuq il-ħidma tal-Kummissjoni biss jekk l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha jkunu stabbiliti b'mod inkontestabbli; jappella, f'dan ir-rigward, sabiex l-indipendenza tal-bord u t-trasparenza tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju dwar il-laqgħat mal-partijiet ikkonċernati, ir-rieżamijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet jittejjbu b'mod sinifikanti, inkluż permezz tal-użu tar-Reġistru ta' Trasparenza obligatorju għall-membri tal-Bord; jissottolinja li l-ħidma tal-Bord fl-aħħar mill-aħħar ma għandhiex taffettwa l-kapaċità tal-Kummissjoni li tipproponi leġiżlazzjoni jew iddewwem bla bżonn l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-opinjonijiet kollha tal-Bord immedjatament wara l-adozzjoni, mingħajr ebda eċċezzjoni, sabiex tiżgura l-koerenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont matul il-proċess kollu, kif ukoll tgħaddihom lill-Parlament u lill-Kunsill; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tagħmel l-abbozzi tal-evalwazzjonijiet u l-abbozzi tal-valutazzjonijiet tal-impatt li jiġu ppreżentati lill-bord disponibbli għall-koleġiżlaturi; jieħu nota li l-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju huwa maġmūl minn erba' membri tal-Kummissjoni u tliet esperti esterni; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, peress li s-sistema attwali tippermetti li l-opinjonijiet jiġu adottati mingħajr l-input ta' esperti esterni jew tistabbilixxi Bord tal-Iskrutinju Regolatorju indipendenti barra mill-Kummissjoni; jistieden ukoll lill-Kummissjoni testendi l-kollaborazzjoni tagħha mal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, filwaqt li ssaħħu billi tipprovdu aktar mezzi biex iwettaq il-ħidma tiegħu u tiżgura appoġġ miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka;
83. Jieħu nota tal-prinċipju ta' "one in, one out" li permezz tiegħu l-Kummissjoni għandha l-għan li tpatti għall-piżijiet li għadhom kif ġew introdotti billi teħles liċ-ċittadini u lin-negozji minn piżijiet ekwivalenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta' politika; jieħu nota tal-fatt li l-approċċ "one in, one out" għandu l-għan li jsaħħaħ il-programm REFIT billi jestendih lil hinn mill-piżijiet li jirriżultaw minn atti kurrenti biex jinkludi wkoll piżijiet minn leġiżlazzjoni ġdida, kif ukoll jiġi mmaniġġjat il-piżi akkumulattivi f'kull qasam ta' politika; jappella sabiex l-approċċ "one in, one out" ikun ibbażat ukoll fuq l-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti; jinnota li l-Kummissjoni introduċiet dan l-approċċ b'mod unilaterali, mingħajr valutazzjoni tal-impatt jew konsultazzjoni minn qabel; jissottolinja li l-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ m'għandhiex taffettwa l-bżonnijiet politiċi jew l-oġettivi ta' regolamentazzjoni aħjar, u jenfasizza li dan m'għandux iwassal għal deċiżjonijiet mekkaniċi jew matematiċi biex tiġi revokata l-leġiżlazzjoni, jitbaxxa l-istandard tagħha jew jirriżulta f'effett dissważiv fuq il-leġiżlazzjoni, u li l-għan tagħha għandu jkun li nimmodernizzaw u nirrifurmaw il-leġiżlazzjoni tal-UE biex tiffaċċja sfidi ġodda, inkluż billi nissostitwixxu, nġaħqudu flimkien u ntejjbu l-leġiżlazzjoni; jišhaq, madankollu, li, filwaqt li għandhom jiġu evitati piżijiet amministrattivi

addizzjonali bla bżonn fit-tfassil, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE, dan l-approċċ ma għandux jiġi interpretat bħala deregolamentazzjoni jew "ebda regolamentazzjoni" u lanqas ma għandu jwaqqaf lill-Istati Membri milli jżommu jew jieħdu miżuri aktar ambizzjużi u jadottaw standards soċjali, ambjentali u ta' protezzjoni tal-konsumatur oġġha f'każijiet fejn id-dritt tal-Unjoni jipprevedi biss standards minimi;

84. Jinsisti li l-implimentazzjoni effikaċi tad-dritt tal-UE hija essenzjali biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fil-politiki u l-istituzzjonijiet tal-UE; ifakkar li skont l-Artikolu 197 tat-TFUE tali implimentazzjoni trid titqies bħala kwistjoni ta' interess komuni għall-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jevitaw li jżidu piżijiet amministrattivi jew ta' konformità addizzjonali bla bżonn meta jittrasponu l-leġislazzjoni tal-UE, speċjalment għall-SMEs, peress li l-hekk imsejħa Prattiki ta' regolamentazzjoni żejda huma wieħed mis-sorsi ewlenin ta' piżijiet amministrattivi bla bżonn; iqis, madankollu, li l-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar m'għandux iżomm lill-parlamenti tal-Istati Membri milli jżommu jew jieħdu miżuri aktar ambizzjużi f'każijiet fejn l-istandards minimi biss huma definiti mid-dritt tal-Unjoni; jappoġġa t-talba tal-Kummissjoni lill-Istati Membri biex jirrapportaw meta jagħżlu li jżidu elementi li ma jirriżultawx mil-leġislazzjoni tal-UE;
85. Ifakkar li l-ħtieġa għal leġislazzjoni ġdida m'għandhiex timplika awtomatikament li l-leġislazzjoni attwali m'għadhiex meħtieġa; f'dan ir-rigward, huwa tal-fehma li għandha titwettaq ukoll valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa għal kwalunkwe revoka potenzjali, biex jiġu evitati konsegwenzi mhux mistennija u effetti mhux mixtieqa; jappella sabiex dan l-approċċ ikun ibbażat fuq metodoloġija trasparenti u bbażata fuq l-evidenza li tagħti kunsiderazzjoni proporzjonata lill-aspetti kollha ta' sostenibbiltà, kemm f'termini ta' benefiċċji kif ukoll ta' spejjeż, inklużi l-ispejjeż tan-nuqqas ta' konformità u n-nuqqas ta' azzjoni, u li tqis l-impatti amministrattivi jew ekonomiċi, filwaqt li tħares ukoll lejn l-*acquis* tal-UE b'mod olistiku u tqis l-impatti soċjali, ambjentali u fuq is-saħħa pubblika tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tagħmel pubbliku l-kalkulatur tagħha "one in, one out" qabel ma tapplika dan il-prinċipju; iqis li t-tfassil aħjar tal-liġijiet għandu primarjament ikun ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet kwalitattivi aktar milli kwantitattivi; jissottolinja l-importanza ta' leġislazzjoni ta' kwalità fit-tweġiq tal-inizjattivi ewlenin tal-UE; jilqa' l-impenn tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jitneħħew l-ostakli u l-burokrazija li jfixklu l-progress tat-tranżizzjoni ekoloġika; jisħaq fuq l-importanza ta' evalwazzjonijiet *ex post* biex jiġi żgurat li l-UE qed twettaq l-impenji tagħha;
86. Jissottolinja, barra minn hekk, li, fl-applikazzjoni tal-approċċ "one in, one out" għandhom jiġu kkunsidrati l-ispejjeż ta' konformità kollha, kemm dawk amministrattivi kif ukoll dawk ta' aġġustament; jisħaq fuq l-ħtieġa li jiġi żgurat li dan l-approċċ jiġi applikat mill-Istati Membri, kif ukoll mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, matul il-proċess ta' traspożizzjoni rilevanti; iħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar Prattiki dwar il-miżuri kompensatorji, il-metodoloġiji u d-data miġbura;
87. Jisħaq li l-fiduċja fl-infurzar tar-regolamenti għandha rwol importanti fil-leġittimità tal-leġislazzjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha fl-infurzar tal-liġijiet tal-UE u tindirizza b'mod effettiv il-każijiet kollha ta' ksur tad-dritt tal-UE;
88. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni

jimpenjaw ruħhom b'kooperazzjoni aktar strutturata sabiex jivvalutaw l-implimentazzjoni u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni bil-għan li dan jittejjeb; jindika l-ħtieġa għall-implimentazzjoni rapida, f'waqtha u korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-Istati Membri sabiex tiġi vvalutata kif xieraq il-ħtieġa għal leġiżlazzjoni ulterjuri;

89. Jinnota li l-għadd persistentement kbir ta' proċedimenti ta' ksur juri li l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni f'waqthom u korretti tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri għadhom jikkostitwixxu sfida serja, u jitlob miżuri urġenti biex tissaħħaħ it-trasparenza tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħuda f'tali proċeduri; itenni li infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE huwa parti ewlenija tal-aġenda għal tfassil aħjar tal-liġijiet; jirrimarka li piż regulatorju eċċessiv għaċ-ċittadini u n-negozji spiss jista' jiġi attribwit għal kwistjonijiet ta' konformità tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tinforza l-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod sħiħ u mingħajr dewmien żejjed u tingrana l-għodod eżistenti kollha; jisħaq li l-politika ta' infurzar tal-Kummissjoni trid tkun aktar prevedibbli u trasparenti u ssaħħaħ iċ-ċertezza tad-dritt għall-partijiet ikkonċernati kollha;
90. Jistieden lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tiddiskuti t-tisħiħ tad-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew, peress li huwa l-uniku korps elett demokratikament fl-UE u jirrappreżenta direttament liċ-ċittadini Ewropej; ifakkar fl-impenn tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen li tappoġġa d-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament; jisħaq fuq il-fatt li din il-possibbiltà ġiet regolarment differita għal reviżjoni futura tat-Trattati; jisħaq li dritt ta' inizjattiva parlamentari huwa karatteristika importanti tad-demokrazija rappreżentattiva fil-livell tal-Istati Membri u jara l-ħtieġa li l-Membri tal-PE jingħataw is-setgħa, bħala r-rappreżentanti diretti taċ-ċittadini tal-UE, billi jissaħħaħ id-dritt tagħhom li jsawru l-aġenda leġiżlattiva tal-UE; jilqa' l-impenn tal-President tal-Kummissjoni li tappoġġa d-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament Ewropew u l-impenn tal-Kummissjoni li dejjem twieġeb b'att leġiżlattiv għat-talbiet skont l-Artikolu 225 tat-TFUE; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jeliminaw l-ostakli li jista' jkun hemm għall-kapaċità tal-Parlament li jeżerċita s-setgħa tiegħu li jipproponi inizjattivi leġiżlattivi; iqis li l-Ftehim Qafas jista' jiġi rivedut biex iżid il-faċilitazzjoni ta' dan id-dritt; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ċċarati wkoll id-differenzi bejn id-diversi tipi ta' rapporti tal-Parlament u li tiġi ċċarata l-azzjoni mitluba mill-Kummissjoni;
91. Jisħaq li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa hija inizjattiva bla preċedent ta' involviment dirett maċ-ċittadini tal-UE sabiex jisimġu dwar il-perspettiva tagħhom dwar it-tfassil tal-politika Ewropea; jemmen li, wara l-konklużjoni tal-Konferenza, trid issir evalwazzjoni biex tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġu introdotti Prattiki li jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess leġiżlattiv; jissottolinja kemm huwa importanti li ċ-ċittadini jingħataw il-kapaċità li jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt demokratiku tagħhom li jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE permezz ta' interazzjoni attiva mar-rappreżentanti eletti tagħhom, kif ukoll li tiġi promossa l-parteċipazzjoni diretta; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirrifletti fuq l-integrazzjoni ta' mekkaniżmi parteċipattivi fid-djalogu interistituzzjonali li jwassal għall-programm ta' ħidma annwali tagħha;
92. Jinnota l-fatt li, b'pass imgħaġġel, iċ-ċittadini tal-UE qed jifhmu dejjem aħjar l-impatt tal-governanza tal-UE fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum u fuq l-iżviluppi futuri fl-isfond ta' soċjetà tal-informazzjoni dejjem aktar immexxija mill-media soċjali, u li dan

jaċċelera u jżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-funzjonament tat-teħid ta' deċiżjonijiet u t-talbiet rigward il-governanza tal-UE; itenni li hemm bżonn li ċ-ċittadini jiġu involuti bis-sħiħ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE lil hinn mill-att tal-votazzjoni u f'kanali u strumenti oħra b'mod li jqis iċ-ċiklu sħiħ tal-politika; itenni l-importanza ta' mekkaniżmi parteċipattivi effettivi u s-sejħa tiegħu għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi parteċipattivi permanenti f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021¹⁶, u jenfasizza l-ħtieġa li dawn jiġu stabbiliti fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-għodod meħtieġa għal koordinazzjoni orizzontali u vertikali adegwata fost l-istituzzjonijiet f'livelli differenti; iqis li dawn il-mekkaniżmi jistgħu jibnu fuq il-pjattaformi ta' dibattitu politiku online, il-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh u l-kontinwazzjoni tal-Panels taċ-Ċittadini, iżda ma jkunux limitati għalihom;

93. Jirrimarka li t-tfassil aħjar tal-liġijiet jirrikjedi proċeduri leġiżlattivi effettivi li jwasslu għall-konklużjoni ta' proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE fi żmien xieraq; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proċeduri leġiżlattivi speċjali stabbiliti fit-Trattati wisq rarament ġew konklużi b'suċċess minħabba n-nuqqas ta' impenn tal-Kunsill u fin-nuqqas ta' linji gwida proċedurali effettivi;
94. Jilqa' d-deliberazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fir-rigward tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; jenfasizza b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini Nru 1, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet 35, 36, 41, 46 u 48, kif ukoll tal-Panel taċ-Ċittadini Nru 2, b'mod partikolari s-sottofluss 2.1, Nru 10 u Nru 11; is-sottofluss 3.1, Nru 16; is-sottofluss 4.1, Nru 24 u sottofluss 4.2, Nru 29 u Nru 32, u l-fluss 5, il-Parteċipazzjoni taċ-Ċittadini, speċjalment in-Nru 39 tiegħu; jinsisti dwar il-ħtieġa li wieħed jinvolvi ruħu b'mod sinifikanti fir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport finali dwar il-Konferenza, li se jiffassal mill-Bord Eżekuttiv b'kooperazzjoni mal-Plenarja tal-Konferenza, abbażi tad-dibattiti tal-Plenarja tal-Konferenza dwar ir-rakkomandazzjonijiet mill-Panels taċ-Ċittadini nazzjonali u Ewropej, kif ukoll l-input mill-Pjattaforma Diġitali Multilingwi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-panels juru b'mod ċar li ċ-ċittadini qed jappellaw għal aktar trasparenza fid-dibattitu pubbliku fl-UE, għal aktar sensibilizzazzjoni u biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' użu attiv tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-media soċjali, u li dan għandu jakkumpanja t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE, inklużi l-proċessi leġiżlattivi; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament jimplementaw il-konklużjonijiet finali tal-Konferenza abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Panels taċ-Ċittadini f'konformità mal-prinċipji minquxa fit-Trattati;
95. Jirrakkomanda li l-proċess leġiżlattiv li jirriżulta mid-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva mogħti lill-Parlament mit-Trattati jinkludi talba għall-istabbiliment ta' kalendarju leġiżlattiv għall-inizjattivi kkonċernati, b'mod simili għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja; jissottolinja, barra minn hekk, li kwalunkwe proċedura leġiżlattiva speċjali bħal din trid tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet rigward l-obbligu istituzzjonali tat-tliet istituzzjonijiet li jinnegozjaw u jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka fl-

¹⁶ ĠU C 99, 1.3.2022, p. 96.

Artikolu 13(2) tat-TUE;

96. Iqis li f'każijiet fejn il-Parlament jeżerċita d-dritt ta' inizzjattiva, bħal dwar ir-regolamenti relatati mal-kompożizzjoni tiegħu stess, l-elezzjoni tal-Membri tiegħu u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, u l-istatut tal-Ombudsman kif ukoll il-kostituzzjoni ta' kumitati ta' inkjesta temporanji, għandhom jitqiesu miżuri fi Ftehim Interistituzzjonali futur biex jiġi evitat li fajls istituzzjonali importanti jiġu mblukkati;
97. Jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-Parlament bħala l-istituzzjoni li tirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE, inkluż biex jissorvelja lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet oħra f'isem il-pubbliku u jikkoopera magħhom, kif ukoll biex jiżgura approċċ minn isfel għal fuq rigward l-effetti tal-leġiżlazzjoni fuq iċ-ċittadini; itenni, għalhekk, kemm huwa importanti li r-rwol tal-Parlament fil-valutazzjoni preliminari tal-leġiżlazzjoni futura jiġi ssalvagwardjat permezz tal-għodod parlamentari eżistenti;
98. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tikkonsolida l-proċess ta' konsultazzjoni, l-impenn li tirrapporta dwar kull konsultazzjoni pubblika fi żmien tmien ġimgħat mill-għeluq tagħha u l-impenn li l-konsultazzjonijiet jiġu pubbliċizzati b'mod aktar attiv sabiex jintlaħqu aktar ċittadini, partijiet ikkonċernati, inklużi SMEs, u awtoritajiet lokali u reġjonali; jistieden lill-Istati Membri jikkontribwixxu għal dan il-proċess billi jippromwovu l-konsultazzjonijiet fit-territorji tagħhom; jinnota li xi partijiet ikkonċernati b'riżorsi finanzjarji akbar jistgħu jkunu aktar attivi fil-kontribut għall-konsultazzjonijiet; jemmen li l-input miġbur jeħtieġ li jirrifletti perspettiva bbilanċjata tax-xenarju tal-partijiet ikkonċernati, u dan jirrikjedi li jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' input mill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi ċ-ċittadini u r-rappreżentanti taċ-ċittadini b'inqas riżorsi;
99. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar regolamentazzjoni aħjar: nġhaqqdu l-forzi biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Fernando Barrena Arza

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li r-rwol tal-programm ta' regolamentazzjoni aħjar huwa li jtejjeb il-prinċipji regolatorji u jnaqqas il-piżijiet bla bżonn għan-negozji u għaċ-ċittadini; jissottolinja kemm huwa importanti li ċ-ċittadini jingħataw il-kapaċità li jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt demokratiku tagħhom li jipparteċipaw fil-proċess deċiżjonali tal-UE permezz ta' interazzjoni attiva mar-rappreżentanti eletti tagħhom, kif ukoll li tiġi promossa l-parteċipazzjoni diretta; jissottolinja li huwa essenzjali li l-UE tiżgura aktar trasparenza f'livelli differenti tat-tfassil tal-politika, inklużi t-trilogi; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb kontinwament il-konsultazzjonijiet pubbliċi sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tqis ir-rispons min-naħa tagħhom u minn istituzzjonijiet oħra, b'mod partikolari l-Parlament bħala l-korp rappreżentattiv elett direttament, dwar tali attivitajiet; itenni li l-petizzjonijiet lill-Parlament huma forma vitali ta' parteċipazzjoni u ta' rispons taċ-ċittadini, li l-Kummissjoni għandha tivvaluta u tindirizza b'mod regolari; jišhaq li l-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar tfassil aħjar tal-liġijiet fl-UE, kif ukoll il-komunikazzjonijiet u d-dokumenti kollha li joħorġu mill-istituzzjonijiet tal-UE, għandhom ikunu aċċessibbli għaċ-ċittadini u għas-soċjetà ċivili u għandhom jiġu tradotti bil-lingwi uffċjali kollha kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri u bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali kollha, kif ukoll jiġu prodotti f'verżjonijiet li jinqraw faċilment, u li l-aċċess għad-dokumenti għandu jkun faċli għaċ-ċittadini;
2. Jenfasizza li regolamentazzjoni aħjar trid tkun sforz interistituzzjonali u li l-Parlament u l-Kunsill għandhom jaqsmu wkoll ir-responsabbiltà; jenfasizza l-fatt li l-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità huma l-prinċipji gwida tal-UE meta tagħżel li taġixxi; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jiddisponi li d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE jridu jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin; iqis li regoli aktar ċari dwar kif il-Kummissjoni tipproċessa l-petizzjonijiet kieku jtejjbu t-trasparenza tas-sistema u l-effettività tagħha biex issolvi l-kwistjonijiet li jqajmu fil-petizzjonijiet iċ-ċittadini Ewropej; itenni li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jirrikjedu li tiġi

evitata kwalunkwe regolamentazzjoni żejda fil-livell tal-UE u li l-kamp ta' applikazzjoni u l-volum tal-leġiżlazzjoni tal-UE jkunu limitati sabiex jiġi żgurat li din tkun qrib iċ-ċittadin, trasparenti u komprensibbli;

3. Jenfasizza li l-UE għandha tirrispetta l-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi kif ukoll tas-sussidjarjetà u li jeħtiġilha tilleġiżla biss f'oqsma stabbiliti b'mod ċar mit-Trattati; jisħaq li l-UE jeħtiġilha ma tinterferix fil-prerogattivi tal-Istati Membri u jeħtiġilha tirrispetta s-sovranià nazzjonali tagħhom;
4. Iqis, kif jiddikjara l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, l-uniku kumitat f'involviment dirett u kostanti mal-pubbliku, li approċċ demokratiku u r-responsabbiltà politika jibqgħu l-aktar mekkaniżmi ta' kontroll b'saħħithom fi kwalunkwe demokrazija kostituzzjonali, inkluż fl-UE;
5. Jinnota li l-għadd persistentement kbir ta' proċedimenti ta' ksur juri li l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni f'waqthom u korretti tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri għadhom jikkostitwixxu sfida serja;
6. Ifakkar li l-fatt li l-petizzjonijiet taċ-ċittadini jiġu eżaminati kontinwament u bir-reqqa jippreżenta opportunitajiet kbar biex ir-regolamentazzjoni aħjar issir aktar inklużiva u effiċjenti u biex dawk li jfasslu l-politika jifhmu aħjar ir-realtajiet lokali u reġjonali u t-tħassib u l-prijoritajiet taċ-ċittadini; jirrikonoxxi li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tiżgura trattament ugwali taċ-ċittadini u tan-negozji u infurzar effettiv tad-drittijiet taċ-ċittadini fl-Unjoni kollha u li għandu jiġi ggarantit infurzar b'saħħtu u ugwali tar-regoli Ewropej eżistenti;
7. Jappoġġja l-oġġettiv tal-Kummissjoni li tissimplifika l-leġiżlazzjoni u tnaqqas il-piżijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' attenzjoni biex jiġi żgurat li dan isir b'mod xieraq ħalli s-simplifikazzjoni ma ssirx għad-detriment taċ-ċarezza għall-benefiċjarji u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u ma ddgħajjifx il-mekkaniżmi stabbiliti għall-ksib ta' riżultati;
8. Jieħu nota tax-xewqa tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rwol tal-Bord ta' Skrutinju Regolari fl-iskrutinju tal-valutazzjonijiet tal-impatt u tal-evalwazzjonijiet fid-dawl tal-approċċ ta' "one in, one out"; jesprimi dispaċir għan-nuqqas ta' trasparenza ta' dan il-korp, li suppost qed iħejji t-tbassir strateġiku u jqis kif xieraq l-effetti varji tal-kriżi tal-COVID-19;
9. Ifakkar li regolamentazzjoni aħjar hija prinċipju ġenerali fl-ittri ta' missjoni tal-Kummissarji kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill itejbu r-regoli u l-proċeduri tal-fażijiet preparatorji tal-proċessi leġiżlattivi rispettivi tagħhom u b'enfasi partikolari jeżaminaw l-effetti futuri tal-miżuri leġiżlattivi;
10. Jitlob li jkun hemm aktar trasparenza mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, b'mod partikolari mill-Kunsill, sabiex jiġi żgurat tfassil aħjar tal-liġijiet u jiġi ggarantit id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti u għal informazzjoni korretta;
11. Iqis li l-ħidma u l-proċeduri interni tal-Parlament jistgħu u għandhom jiġu ddiġitalizzati aktar sabiex jiġu ssimplifikati u jsiru aktar faċilment aċċessibbli għaċ-ċittadini;

12. Iqis li l-Kummissjoni, fl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-politiki tal-UE jissejsu fuq fehim ċar tal-oqsma ta' politika soġġetti għal tibdil strutturali li jseħħ malajr bħall-ambjent u d-diġitalizzazzjoni, għandha tagħmel użu mill-kontribut inkluż fil-petizzjonijiet taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini hija kruċjali f'oqsma ta' politika bħad-drittijiet fundamentali, ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-għlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, tkun xi tkun il-kawża;
13. Jistieden lill-Kummissjoni taħtaf l-opportunità għal programm ta' regolamentazzjoni aħjar imġedded u aktar effettiv biex tgħin lill-governanza tal-UE, ittejjeb it-tfassil tal-liġijiet, tirrispondi b'mod effettiv għat-tħassib taċ-ċittadini u ttejjeb il-komunikazzjoni u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, u fl-istess waqt ittejjeb it-trasparenza;
14. Jikkritika l-ipotesi li l-approċċ ta' "one in, one-out" huwa meħtieġ, peress li jirrappreżenta valutazzjoni kwantitattiva tal-leġiżlazzjoni bħala piż fuq perjodu qasir u bħala spiża minflok ma jagħmel enfasi oġġettiva fuq il-kwalità tar-regolamentazzjoni u l-merti tagħha fuq perjodu medju u twil; jesprimi dispjaċir għall-fatt li din l-enfasi fuq it-tnaqqis tal-piż u tal-ispiża hija inkonsistenti mal-ħtiġijiet u mar-realtajiet tat-tfassil tal-politika tal-UE u jaf tipperikola r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tipprovdi regolamentazzjoni ta' kwalità, kif jaf toħloq ukoll effett kontroproduttiv fuq kwalunkwe leġiżlazzjoni ambjentali jew soċjali ġdida;
15. Jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-Parlament bħala l-istituzzjoni li tirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE, inkluż biex jissorvelja lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet oħra f'isem il-pubbliku u jikkoopera magħhom, kif ukoll biex jiżgura approċċ minn isfel għal fuq rigward l-effetti tal-leġiżlazzjoni fuq iċ-ċittadini; itenni, għalhekk, kemm huwa importanti li r-rwol tal-Parlament fil-valutazzjoni preliminari tal-leġiżlazzjoni futura jiġi ssalvagwardat permezz tal-għodod parlamentari eżistenti;
16. Jisħaq fuq ir-rwol ta' għodod u istituzzjonijiet speċifiċi, bħas-setgħat ta' inizjattiva proprja tal-Parlament, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u l-Ombudsman Ewropew, biex itejbu r-regolamentazzjoni tal-Kummissjoni; jilqa' t-tnedija tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iżda jfakkar li din għandha ttejjeb kontinwament u għandha tgħin liċ-ċittadini jikkomunikaw l-impatti reali tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-livell nazzjonali, lokali u reġjonali u jagħmlu suġġerimenti dwar kif jista' jinkiseb tfassil aħjar tal-liġijiet; jissottolinja l-fatt li l-Konferenza għandha taġevola l-proċess tal-parteċipazzjoni pubblika biex ittejjeb l-attività tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jinnota li l-Kummissjoni għandha, b'enfasi, tagħmel l-għodod parteċipattivi eżistenti aktar effettivi biex tippermetti liċ-ċittadini jkollhom aċċess dirett għat-tfassil tal-politika tal-UE u jinvolvu ruħhom fih bil-għan li jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tfittex l-opinjoni taċ-ċittadini u, aktar importanti, tqis il-fehmiet tagħhom.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	7.2.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 19 - : 11 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Margrete Auken, Jordan Bardella, Alexander Bernhuber, Markus Buchheit, Tamás Deutsch, Francesca Donato, Eleonora Evi, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Malte Gallée, Gianna Gancia, Ibán García Del Blanco, Alexis Georgoulis, Vlad Gheorghe, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Cristina Maestre Martín De Almagro, Dolors Montserrat, Emil Radev, Frédérique Ries, Alfred Sant, Massimiliano Smeriglio, Yana Toom, Loránt Vincze, Michal Wiezik, Tatjana Ždanoka, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pernando Barrena Arza, Angel Dzhambazki, Marie-Pierre Vedrenne

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

19	+
NI	Francesca Donato
Renew	Vlad Gheorghe, Frédérique Ries, Yana Toom, Marie-Pierre Vedrenne, Michal Wiezik
S&D	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Ibán García Del Blanco, Cristina Maestre Martín De Almagro, Alfred Sant, Massimiliano Smeriglio
The Left	Pernando Barrena Arza, Alexis Georgoulis
Verts/ALE	Margrete Auken, Eleonora Evi, Malte Gallée, Tatjana Ždanoka

11	-
ID	Jordan Bardella, Markus Buchheit, Gianna Gancia
PPE	Alexander Bernhuber, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Dolores Montserrat, Emil Radev

4	0
ECR	Angel Dzhambazki, Kosma Zlotowski
NI	Tamás Deutsch
PPE	Loránt Vincze

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

18.3.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijjet Legali

dwar regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Helmut Scholz

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijjet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-intenzjoni espressa fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni¹ li tagħmel l-approċċ għal tfassil aħjar tal-liġijiet aktar dinamiku u adattabbli għal żviluppi ulterjuri; jinsisti madankollu li l-aspetti operattivi tal-komunikazzjoni se jsiru aktar ċari biss bir-reviżjoni tal-Linji Gwida u s-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, li se jiġu skrutinizzati bir-reqqa mill-Parlament; jissottolinja l-ħtieġa għal leġislazzjoni li tkun adatta għall-iskop tagħha, ibbilanċjata, ċara u trasparenti u li ma żżidx piżijiet amministrattivi u regulatorji żejda;
2. Jisħaq li s-sett ta' għodod aġġornat dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, b'mod partikolari l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", irid jikkunsidra l-ispejjeż li jistgħu jirriżultaw min-nuqqas ta' azzjoni, b'mod partikolari rigward il-klima u l-ambjent, kif ukoll id-dimensjoni soċjali, u l-effetti kumulattivi li jirriżultaw mid-dewmien fl-azzjoni;
3. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel użu aħjar tal-prospettiva strateġika peress li għandha rwol ewlieni biex tgħin fit-tfassil tal-politika tal-UE li jibqa' validu fil-futur billi tiżgura li l-inizjattivi fuq terminu qasir ikunu bbażati fuq prospettiva aktar fit-tul;
4. Jirrikonoxxi t-tendenza attwali fejn, fl-ambitu tal-Protokoll 1 u 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-parlamenti nazzjonali jimmiraw għal involviment akbar permezz ta' djalogu politiku² dwar il-politiki tal-Unjoni sabiex jiġi żviluppat valur miżjud akbar għaċ-ċittadini; jirrikonoxxi wkoll it-talbiet għal involviment simili li jħares 'il quddiem tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni f'dan ir-rigward permezz tal-opinjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu;
5. Jinsisti fuq ir-rabtiet b'saħħithom bejn l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' rkupru Next

¹ COM(2021)0219.

² Abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda taċ-Ċittadini: Inwasslu r-Riżultati għall-Ewropa", COM(2006)0211.

Generation EU bl-objettiv li tiġi żgurata reżiljenza aktar b'saħħitha tas-soċjetajiet tal-UE u l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE jilhqqu liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar in-natura fundamentali ta' dawn il-kompiti politiċi u l-implimentazzjoni tagħhom; jemmen li tali sensibilizzazzjoni fl-aħħar mill-aħħar għandha tikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet interistituzzjonali aktar effettivi li kapaċi jirrispondi b'mod robust u deċiżiv għall-esperjenzi tal-pandemija;

6. Jilqa' l-isforzi biex jiġi kkonsolidat il-proċess ta' konsultazzjoni u l-impenn li jsir rapport dwar kull konsultazzjoni pubblika fi żmien tmien ġimgħat mill-konklużjoni tagħha; jitlob li jsir titjib f'termini ta' valutazzjonijiet sistematiċi tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u li l-Kummissjoni żżid l-attivitajiet u l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni tagħha biex tippromwovi parteċipazzjoni akbar; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha aħjar mar-rappreżentanzi tagħha fl-Istati Membri, mal-korpi konsultattivi fil-livell tal-UE u mal-awtoritajiet nazzjonali bil-għan li xxerred aktar informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi;
7. Jappella għal trasparenza akbar tal-proċess ta' konsultazzjoni u jappella għall-pubblikazzjoni ta' rapporti sommarji, disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE u aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabilità;
8. Jisħaq li l-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrikonoxxi d-demokrazija parteċipattiva bħala wieħed mill-prinċipji demokratiċi ewlenin tal-UE, u b'hekk jissottolinja li d-deċiżjonijiet iridu jiġu adottati kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini, peress li huwa indispensabbli biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE; jemmen li d-demokrazija parteċipattiva tal-UE tirrikjedi l-appoġġ għaċ-ċittadini kollha u l-promozzjoni tal-aċċess tagħhom għal opportunitajiet elettorali u parteċipattivi fi ħdan il-kanali tal-UE u barra minnhom; jenfasizza li din l-aġenda parteċipattiva minn isfel għal fuq għandha tkun kapaċi tikkomplementa, u mhux tissostitwixxi, id-demokrazija rappreżentattiva fl-UE;
9. Jinnota l-fatt li, b'pass imgħaġġel, iċ-ċittadini tal-UE qed jifhmu dejjem aħjar l-impatt tal-governanza tal-UE fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum u fuq l-iżviluppi futuri fl-isfond ta' soċjetà tal-informazzjoni dejjem aktar immexxija mill-midja soċjali, u li dan jaċċelera u jżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-funzjonament tat-teħid ta' deċiżjonijiet u t-talbiet rigward il-governanza tal-UE; itenni li hemm bżonn li ċ-ċittadini jiġu involuti bis-sħiħ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE lil hinn mill-att tal-votazzjoni u f'kanali u strumenti oħra b'mod li jqis iċ-ċiklu sħiħ tal-politika; itenni l-importanza ta' mekkaniżmi parteċipattivi effettivi u s-sejħa tiegħu għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi parteċipattivi permanenti f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021³, u jenfasizza l-ħtieġa li dawn jiġu stabbiliti fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-għodod meħtieġa għal koordinazzjoni orizzontali u vertikali adegwata fost l-istituzzjonijiet f'livelli differenti; iqis li dawn il-mekkaniżmi jistgħu jibnu fuq il-pjattaformi ta' dibattitu politiku online, il-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh u l-kontinwazzjoni tal-Panels taċ-Ċittadini, iżda ma jkunux limitati għalihom; jappoġġja attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għal dawn il-mekkaniżmi, bħal, iżda mhux biss, il-ħinijiet u d-djalogi taċ-ċittadini mal-Kummissjoni, mal-Presidenza tal-Kunsill u mal-Parlament, biex tiġi ffaċilitata u involuta aktar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess

³ ĠU C 99, 1.3.2022, p. 9.

tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li tali mekkaniżmi għandhom jiġu integrati u jsiru parti mid-djalogu interistituzzjonali li jwassal għall-istabbiliment tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni;

10. Jenfasizza li informazzjoni aktar fil-fond dwar it-tħassib taċ-ċittadini se tgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE fl-isforzi tagħhom biex jirrispondu għal dan it-tħassib, f'konformità mal-prinċipji ċentrali tal-Unjoni ta' demokrazija rappreżentattiva;
11. Jistieden lill-istituzzjonijiet jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' persuni vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabilità fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' aċċess aħjar għall-informazzjoni għaċ-ċittadini kollha; jappella għat-tneċija ta' aktar konsultazzjonijiet pubbliċi mmirati lejn gruppi partikolari, bħat-tfal, iż-żgħażaġh u l-anzjani; jistieden lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE biex iqisu l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u jiżguraw segwitu effettiv fil-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet sussegwenti;
12. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament ikollu traduzzjoni orali jew bil-miktub f'kull stadju tal-proċess leġiżlattiv u fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;
13. Jissottolinja l-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni bbażata fuq l-evidenza, rapporti komprensivi dwar il-valutazzjoni tal-impatt u analiżi fil-fond tad-data kollha disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet;
14. Jenfasizza u jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas rikonoxxut ta' valutazzjonijiet tal-impatt għal diversi fajls leġiżlattivi ewlenin, ħaġa li parzjalment biss jista' tiġi attribwita għall-pandemija tal-COVID-19; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippubblika dokument ta' ħidma tal-persunal flimkien mal-proposta jew fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tagħha; jissottolinja l-ħtieġa ta' valutazzjoni estensiva tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-leġiżlazzjoni relatata, u jappella għal soluzzjonijiet u politiki adegwati biex l-effetti negattivi tiegħu jiġu limitati;
15. Jappella sabiex il-valutazzjonijiet tal-impatt jiġu ppubblikati immedjatament wara li jitlestew, u mhux biss meta tiġi ppreżentata proposta ta' politika, biex b'hekk tiġi żgurata trasparenza akbar dwar kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, kif iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fil-Kawża C 57/16P, *ClientEarth vs Il-Kummissjoni*; ifakkar fl-impenn li haġu t-tliet istituzzjonijiet li jikkunsidraw b'mod sistematiku l-użu ta' klawżoli ta' rieżami fil-leġiżlazzjoni bl-iskop li jwettqu evalwazzjonijiet *ex post*;
16. Jinsisti li l-valutazzjonijiet tal-impatt m'għandhom qatt jissostitwixxu d-deċiżjonijiet politiċi u lanqas idewmu l-proċess leġiżlattiv b'mod indebitu; iqis li l-valutazzjonijiet tal-impatt iridu jagħtu attenzjoni ugwali b'mod partikolari lill-evalwazzjoni tal-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, tas-saħħa u dawk ambjentali, b'mod partikolari l-proposti tal-Kummissjoni, u li fejn rilevanti, irid jiġi vvalutat l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
17. Jirrikonoxxi l-bżonn li, meta jemendaw proposti leġiżlattivi b'mod sostanzjali, il-koleġiżlaturi jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt, f'konformità mal-paragrafu 15 tal-

Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴; jimpenja ruħu li jistabbilixxi proċeduri interni biex jipproduċi l-valutazzjonijiet tal-impatt tiegħu stess dwar emendi sostanzjali; jassumi l-impenn li l-kumitati tiegħu jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltà li jitolbu parir espert għal emendi bħal dawn; jitlob li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti lis-servizzi tiegħu biex jappoġġjaw il-kapaċità tal-Membri li jtejbju l-funzjoni tagħhom ta' koleġiżlaturi, bħad-Direttorat tiegħu għall-Valutazzjoni tal-Impatt u l-Valur Miżjud Ewropew;

18. Jisħaq, barra minn hekk, li l-valutazzjonijiet tal-impatt huma għodda li tgħin biex jintlaħqu deċiżjonijiet infurmati tajjeb fil-proċess leġislattiv tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ma jridux iwasslu għal dewmien bla bżonn fit-teħid ta' deċiżjonijiet jew ifixklu d-deċiżjonijiet politiċi f'kuntast ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali b'rispons għall-isfidi globali; jenfasizza li tali proċessi għandhom iqisu l-impatti ekonomiċi, ambjentali, tal-ġeneru u soċjali b'mod integrat u bbilanċjat u jużaw analiżijiet kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, u jindirizzaw ukoll l-ispejjeż tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE; ifakkar li t-fassil ta' regolamentazzjoni li tkun "adatta għall-futur" għandu jinvolvi l-adozzjoni ta' approċċ ta' "l-ewwel aħseb fis-sostenibbiltà" fil-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar;
19. Jappella sabiex jiġu żviluppati indikaturi tal-impatt għal kwistjonijiet speċifiċi bħall-impatti fuq gruppi vulnerabbli; ifaħħar, f'dan ir-rigward, il-proposta tal-UNICEF għal indikatur għat-tfal li jevalwa l-impatt tal-politiki fuq it-tfal u jappella għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi simili f'oqsma ta' politiki oħra;
20. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-SMEs tal-UE fl-ekonomija tagħna; itenni li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-ispejjeż amministrattivi, ta' aġġustament u ta' konformità għall-SMEs meta jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt, b'mod partikolari billi jiġi applikat test effettiv tal-SME; jiddispjaċih dwar l-applikazzjoni insuffiċjenti tiegħu sal-lum;
21. Huwa konvint li l-fatt li titqies ukoll l-ispiża tan-nuqqas ta' leġislazzjoni fil-livell Ewropew (l-hekk imsejjaħ kost tan-non-Ewropa) huwa sors importanti ta' narrativa u fehim meta jiġu indirizzati l-għodod disponibbli għal regolamentazzjoni aħjar;
22. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu applikati prinċipji konsistenti tal-abbozzar leġislattiv, b'mod partikolari t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont kif ukoll iċ-ċarezza u l-preċiżjoni, f'konformità mal-prinċipji rikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-QĠUE;
23. Iqis l-uniformità tal-verżjonijiet lingwistiċi fil-lingwi uffiċjali tal-UE bħala prerekwiżit kruċjali għall-interpretazzjoni affidabbli tal-leġislazzjoni attwali mill-qrati u mill-awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri, u jemmen li huma għalhekk kontribut importanti għall-applikazzjoni u l-infurzar uniformi tad-dritt tal-UE; jistieden lill-istituzzjonijiet jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti b'mod sostanzjali fit-tfassil futur tal-liġijiet.
24. Jistieden lill-istituzzjonijiet iżidu l-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu reġistru konġunt iddedikat u faċli għall-utent dwar is-sitwazzjoni attwali tal-fajls leġislattivi li bħalissa għaddejjja ħidma fuqhom kif miftiehem fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

25. Ifakkar fl-impenn tat-tliet istituzzjonijiet li jistabbilixxu tali reġistru leġiżlattiv konġunt biex jippermettu żieda fit-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv u jippermettu liċ-ċittadini u lill-pubbliku infurmat kif ukoll il-pubbliku ġenerali jsegwu l-evoluzzjoni tat-testi leġiżlattivi b'mod ċar u komprensiv; jinsisti fuq il-bżonn li dan il-portal konġunt ikun kompletament operattiv u trasparenti sal-aħħar tal-2022;
26. Jiddeplora n-nuqqas persistenti ta' trasparenza fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill u l-prattika ta' klassifikazzjoni żejda tad-dokumenti u tal-applikazzjoni ta' interpretazzjoni eċċessivament wiesgħa tal-eċċezzjonijiet ipprovduti skont ir-Regolament (UE) Nru 1049/2001, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-protezzjoni tal-pariri legali, li tmur kontra l-prinċipju tal-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar ta' dokumenti relatati; jemmen li l-użu ta' eċċezzjonijiet ta' segretezza għad-dokumenti tal-Kunsill għandu jiġi applikat f'sistema koerenti b'sorveljanza esterna u li tikkonforma mal-ġurisprudenza tal-QĠUE; jistieden lit-tliet istituzzjonijiet jiżguraw applikazzjoni li tħares 'il quddiem u konsistenti tar-Regolament imsemmi hawn fuq li tippermetti aċċess xieraq għad-dokumenti, dment li dawn jikkonċernaw kwistjoni relatata mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà tal-istituzzjoni;
27. Huwa tal-fehma li r-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti fl-attivitajiet tal-Kunsill għandhom ikunu trasparenti daqs dawg tal-Parlament Ewropew; jišhaq, f'dan ir-rigward, li l-pożizzjonijiet diġà difiżi mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Gruppi ta' F'idma tal-Kunsill għandhom isiru pubbliċi sabiex iċ-ċittadini, il-midja u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jkunu jafu x'pożizzjoni ħa l-gvern tagħhom f'isimhom fil-livell tal-UE u jikkontribwixxu għat-tiżiż tal-iskrutinju tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE mill-parlamenti nazzjonali, u li dan għandu japplika għad-deċiżjonijiet kollha, mill-fajls leġiżlattivi sal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati;
28. Jirrimarka li l-korpi b'livelli saħansitra inqas ta' trasparenza bħall-Grupp tal-Euro għandhom, bħala l-ewwel pass, ikunu soġġetti għar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill, filwaqt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-proċeduri ta' votazzjoni, il-minuti, ir-riżultati, u l-ispjegazzjoni tal-voti u d-deliberazzjonijiet tagħhom;
29. Jemmen li jeħtieġ li l-UE tiżviluppa politika aktar ambizzjuża dwar l-aċċess għad-dokumenti u tipprovdi għal applikazzjoni aħjar tar-regoli attwali, inkluż għad-dokumenti relatati man-negozjati interni, tat-trilogu u internazzjonali; ifakkar li skont l-Ombudsman Ewropew, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għad-dokumenti, b'mod partikolari d-dokumenti leġiżlattivi, għandhom ikunu eċċezzjonali u limitati għal dak li huwa assolutament neċessarju; ifakkar ukoll li t-trasparenza u l-pubbliċità ta' proċedura leġiżlattiva li għaddejjja bħalissa huma inerenti għall-proċess leġiżlattiv u għalhekk jistgħu jiġu applikati għall-aċċess għal dokumenti għat-trilogi kif iddikjarat mill-QĠUE fil-ġurisprudenza tagħha, b'mod partikolari l-kawża T540/15, *De Capitani vs il-Parlament*; iżid, barra minn hekk, li l-ftuħ u t-trasparenza jagħtu leġittimità akbar u jiġġeneraw fiduċja akbar fil-proċess leġiżlattiv demokratiku tal-Unjoni Ewropea;
30. Jappella għal miżuri urġenti biex tissaħħaħ it-trasparenza tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-proċeduri ta' ksur;
31. Jemmen li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha dejjem tkun adatta għall-iskop tagħha,

proporzjonata u timmira li żżomm il-piż għaċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs, baxx kemm jista' jkun; itenni l-ħtieġa li jiġu evitati piżijiet amministrattivi, ta' aġġustament u ta' konformità mhux meħtieġa fit-tfassil, fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-atti tal-UE;

32. Jinsisti li l-implimentazzjoni effikaċi tad-dritt tal-UE hija essenzjali biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fil-politiki u l-istituzzjonijiet tal-UE; ifakkar li skont l-Artikolu 197 tat-TFUE, tali implimentazzjoni trid titqies bħala kwistjoni ta' interess komuni għall-Istati Membri u jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda meta jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE; jisħaq li tali regolamentazzjoni żejda spiss toħloq piżijiet amministrattivi jew ta' konformità addizzjonali, speċjalment għall-SMEs; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fil-livell nazzjonali dwar regolamentazzjoni aħjar u jevitaw Prattiki li jwasslu għal piżijiet mhux meħtieġa meta jimplimentaw id-dritt tal-UE; iqis, madankollu, li l-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar m'għandux iżomm lill-parlamenti tal-Istati Membri milli jżommu jew jieħdu miżuri aktar ambizzjużi f'każijiet fejn l-istandards minimi biss huma definiti mid-dritt tal-Unjoni;
33. Itenni li infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE huwa parti ewlenija tal-aġenda għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; jirrimarka li piż regolatorju eċċessiv għaċ-ċittadini u n-negozji spiss jista' jiġi attribwit għal kwistjonijiet ta' konformità tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tinforza l-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod sħiħ u mingħajr dewmien żejjed u tingrana l-għodod eżistenti kollha; jisħaq li l-politika ta' infurzar tal-Kummissjoni trid tkun aktar prevedibbli u trasparenti u ssaħħaħ iċ-ċertezza tad-dritt għall-partijiet ikkonċernati kollha;
34. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għandha l-għan li tpatti għall-piżijiet ġodda billi teħles liċ-ċittadini u lin-negozji minn piżijiet ekwivalenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta' politika; jieħu nota tal-fatt li l-approċċ "one in, one out" għandu l-għan li jsaħħaħ il-programm REFIT billi jestendih lil hinn mill-piżijiet dovuti għal atti kurrenti biex jinkludi wkoll piżijiet minn leġiżlazzjoni ġdida, kif ukoll jiġi mmaniġġjat il-piżi akumulattiv f'kull qasam ta' politika; jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa kif leġiżlazzjoni ġdida tikkoinċidi mal-liġijiet u r-regolamenti attwali; iwissi, madankollu, li dan l-approċċ m'għandux iwassal għal applikazzjoni purament mekkanika li tista' tirriżulta f'enfasi eċċessiva fuq il-piżijiet regolatorji u tista' twassal sabiex il-benefiċċji jiġu injorati jew ikollhom impatt negattiv fuq il-kisba ta' għanijiet ta' politika leġittimi oħra; jemmen li dan l-approċċ għandu jqis ukoll l-impatt potenzjali tat-tħassir tal-leġiżlazzjoni diġà implimentata fil-qafas regolatorju domestiku tal-Istati Membri; itenni, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' konsultazzjoni fl-UE kollha fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali u jinsisti fuq il-ħtieġa ta' evalwazzjonijiet estensivi tal-impatt tal-politika fil-livelli kollha sabiex dawn l-isfidi potenzjali jiġu indirizzati;
35. Jemmen bil-qawwa li regolamentazzjoni aħjar hija meħtieġa biex l-UE tkun tista' tilħaq il-miri stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku; jilqa' l-impenn tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jitneħħew l-ostakli u l-burokrazija li jfixklu l-progress tat-tranżizzjoni ekoloġika; jisħaq fuq l-importanza ta' evalwazzjonijiet *ex post* tal-leġiżlazzjoni dwar il-klima biex jiġi żgurati li l-UE qed twettaq l-impenji tagħha;

36. Ifakkar fl-importanza li jinżamm kuntatt mill-qrib bejn il-koleġiżlaturi qabel in-negożjati interistituzzjonali, inkluż permezz ta' skambji ta' fehmiet informali fuq bażi regolari li għalihom jiġu mistiedna rappreżentanti ta' istituzzjonijiet oħra, f'konformità mal-impenn indikat fil-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; jiddispjaċih li dan l-impenn ma wassal għall-ebda struttura ġdida ta' kooperazzjoni u lanqas għal prattiki sistematiċi biex dawn l-iskambji jiġu ffaċilitati; jissuġġerixxi li l-koleġiżlaturi jaqblu dwar kodiċi ta' prattika tajba f'dak ir-rigward;
37. Jappella għar-reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet sabiex jiġi integrat mekkaniżmu permanenti ta' konsultazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess li jwassal għall-istabbiliment tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni;
38. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Gruppi Fokali tal-Parlament li jissottolinjaw il-ħtieġa li jiġu riveduti l-Artikolu 132 u l-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar l-aċċess għall-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex il-Membri tal-PE jkunu jistgħu jattendu jew jiġu interrogati matul il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill, tal-COREPER jew tal-Kunsill;
39. Jisħaq li dritt ta' inizjattiva parlamentari huwa karatteristika importanti tad-demokrazija rappreżentattiva fil-livell tal-Istati Membri u jara l-ħtieġa li l-Membri tal-PE jingħataw is-setgħa, bħala r-rappreżentanti diretti taċ-ċittadini tal-UE, billi jissaħħaħ id-dritt tagħhom li jsawru l-aġenda leġislattiva tal-UE; jilqa' l-impenn tal-President tal-Kummissjoni li tappoġġja d-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament Ewropew u l-impenn tagħha li dejjem twieġeb b'att leġislattiv għat-talbiet skont l-Artikolu 225 tat-TFUE; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jeliminaw l-ostakli li jista' jkun hemm għall-kapaċità tal-Parlament li jeżerċita s-setgħa tiegħu li jipproponi inizjattivi leġislattivi; iqis li l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea jista' jiġi riveduti biex dan id-dritt ikun jista' jiġi ffaċilitat aktar. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ċċarati wkoll id-differenzi bejn id-diversi tipi ta' rapporti tal-Parlament u li tiġi ċċarata x'azzjoni talbu mill-Kummissjoni;
40. Jirrimarka li t-tfassil aħjar tal-liġijiet jirrikjedi proċeduri leġislattivi effettivi li jwasslu għall-konklużjoni ta' proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE fi żmien xieraq; jiddispjaċih li l-proċeduri leġislattivi speċjali stabbiliti fit-Trattati wisq rarament ġew konklużi b'suċċess minħabba n-nuqqas ta' impenn tal-Kunsill u fin-nuqqas ta' linji gwida proċedurali effettivi;
41. Jirrakkomanda li l-proċess leġislattiv li jirriżulta mid-dritt ta' inizjattiva leġislattiva mogħti lill-Parlament mit-Trattati jrid jinkludi talba għall-istabbiliment ta' kalendarju leġislattiv għall-inizjattivi kkonċernati, b'mod simili għall-proċedura leġislattiva ordinarja; jissottolinja, barra minn hekk, li tali proċedura leġislattiva speċjali trid tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet rigward l-obbligu istituzzjonali għat-tliet istituzzjonijiet biex jinnegożjaw u jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka fl-Artikolu 13(2) tat-TUE;
42. Iqis li f'każijiet fejn il-Parlament jeżerċita d-dritt ta' inizjattiva, bħal dwar ir-regolamenti relatati mal-kompożizzjoni tiegħu stess, l-elezzjoni tal-Membri tiegħu u l-

kundizzjonijiet ġenerali għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, u l-istatut tal-Ombudsman kif ukoll il-kostituzzjoni ta' kumitati ta' inkjesta temporanji, għandhom jitqiesu miżuri fi Ftehim Interistituzzjonali futur biex jiġi evitat li fajls istituzzjonali importanti jiġu mblukkati;

43. Iqis li meta t-Trattati jiġu riveduti, il-Parlament għandu jingħata d-dritt ta' inizjattiva leġislattiva, peress li huwa l-unika istituzzjoni eletta direttament;
44. Jilqa' d-deliberazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fir-rigward tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; jenfasizza b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini Nru 1, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet 35, 36, 41, 46 u 48, kif ukoll tal-Panel taċ-Ċittadini Nru 2, b'mod partikolari s-sottofluss 2.1, Nru 10 u Nru 11; is-sottofluss 3.1, Nru 16; is-sottofluss 4.1, Nru 24 u sottofluss 4.2, Nru 29 u Nru 32, u l-fluss 5, il-Parteċipazzjoni taċ-Ċittadini, speċjalment in-Nru 39 tiegħu; jinsisti dwar il-ħtieġa li wieħed jinvolvi ruħu b'mod sinifikanti fir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport finali dwar il-Konferenza, li se jitfassal mill-Bord Eżekuttiv b'kooperazzjoni mal-Plenarja tal-Konferenza, abbażi tad-dibattiti tal-Plenarja tal-Konferenza dwar ir-rakkomandazzjonijiet mill-Panels taċ-Ċittadini nazzjonali u Ewropej, kif ukoll il-kontribut mill-Pjattaforma Diġitali Multilingwi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-panels juru b'mod ċar li ċ-ċittadini qed jappellaw għal aktar trasparenza fid-dibattitu pubbliku fl-UE, għal aktar sensibilizzazzjoni u biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' użu attiv tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-midja soċjali, u li dan għandu jakkumpanja t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE, inklużi l-proċessi leġislattivi; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament jimplimentaw il-konklużjonijiet finali tal-Konferenza abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Panels taċ-Ċittadini f'konformità mal-prinċipji minquxa fit-Trattati;
45. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tad-dritt ta' inizjattiva fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, peress li ssaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-UE u tagħti aktar setgħa liċ-ċittadini tal-UE;
46. Iqis li l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' proċessi ta' diġitalizzazzjoni fil-proċess deċiżjonali tat-tliet istituzzjonijiet jikkostitwixxi sfida essenzjali u opportunità għat-tiħiħ tal-kwalità tat tfassil tal-liġijiet tal-UE fl-era diġitali; jemmen li l-impenji tat-tliet istituzzjonijiet b'rabta ma' tali żviluppi għandhom jiġu identifikati b'mod ċar u inklużi fi kwalunkwe reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. jistieden lil-leġiżlaturi jużaw id-diġitalizzazzjoni sabiex jevitaw burokrazija żejda, jiffaċilitaw il-ħidma leġislattiva tagħhom kif ukoll l-espressjoni demokratika tal-uffiċjali eletti.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	16.3.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Daniel Freund, Charles Goerens, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Victor Negrescu, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Antonio Tajani, László Trócsányi, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jorge Buxadé Villalba, Nathalie Colin-Oesterlé, Sophia in 't Veld, Nikolaj Villumsen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
PPE	Nathalie Colin-Oesterlé, Brice Hortefeux, Paulo Rangel, Sven Simon, Antonio Tajani, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Renew	Pascal Durand, Charles Goerens, Sandro Gozi, Sophia in 't Veld
S&D	Gabriele Bischoff, Włodzimierz Cimoszewicz, Victor Negrescu, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira
The Left	Helmut Scholz, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund

3	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Jacek Saryusz-Wolski
NI	László Trócsányi

3	0
ID	Gerolf Annemans, Laura Huhtasaari, Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Helmut Scholz

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-intenzjoni espressa fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni¹ li tagħmel l-approċċ għal tfassil aħjar tal-liġijiet aktar dinamiku u adattabbli għal żviluppi ulterjuri; jinsisti madankollu li l-aspetti operattivi tal-komunikazzjoni se jsiru aktar ċari biss bir-reviżjoni tal-Linji Gwida u s-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, li se jiġu skrutinizzati bir-reqqa mill-Parlament; jissottolinja l-ħtieġa għal leġislazzjoni li tkun adatta għall-iskop tagħha, ibbilanċjata, ċara u trasparenti u li ma żżidx piżijiet amministrattivi u regolatorji żejda;
2. Jisħaq li s-sett ta' għodod aġġornat dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, b'mod partikolari l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", irid jikkunsidra l-ispejjeż li jistgħu jirriżultaw min-nuqqas ta' azzjoni, b'mod partikolari rigward il-klima u l-ambjent, kif ukoll id-dimensjoni soċjali, u l-effetti kumulattivi li jirriżultaw mid-dewmien fl-azzjoni;
3. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel użu aħjar tal-prospettiva strateġika peress li għandha rwol ewlieni biex tgħin fit-tfassil tal-politika tal-UE li jibqa' validu fil-futur billi tiżgura li l-inizjattivi fuq terminu qasir ikunu bbażati fuq perspettiva aktar fit-tul;
4. Jirrikonoxxi t-tendenza attwali fejn, fl-ambitu tal-Protokoll 1 u 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-parlamenti nazzjonali jimmiraw għal involviment akbar permezz ta' djalogu politiku² dwar il-politiki tal-Unjoni sabiex jiġi żviluppat valur miżjud akbar għaċ-ċittadini; jirrikonoxxi wkoll it-talbiet għal involviment simili li jħares 'il quddiem tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni f'dan ir-rigward permezz tal-opinjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu;
5. Jinsisti fuq ir-rabtiet b'saħħithom bejn l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' rkupru Next

¹ COM(2021)0219.

² Abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda taċ-Ċittadini: Inwasslu r-Riżultati għall-Ewropa", COM(2006)0211.

Generation EU bl-objettiv li tiġi żgurata reżiljenza aktar b'saħħitha tas-soċjetajiet tal-UE u l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE jilħqu liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar in-natura fundamentali ta' dawn il-kompiti politiċi u l-implimentazzjoni tagħhom; jemmen li tali sensibilizzazzjoni fl-aħħar mill-aħħar għandha tikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet interistituzzjonali aktar effettivi li kapaċi jirrispondi b'mod robust u deċiżiv għall-esperjenzi tal-pandemija;

6. Jilqa' l-isforzi biex jiġi kkonsolidat il-proċess ta' konsultazzjoni u l-impenn li jsir rapport dwar kull konsultazzjoni pubblika fi żmien tmien ġimgħat mill-konklużjoni tagħha; jitlob li jsir titjib f'termini ta' valutazzjonijiet sistematiċi tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u li l-Kummissjoni żżid l-attivitajiet u l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni tagħha biex tippromwovi parteċipazzjoni akbar; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha aħjar mar-rappreżentanzi tagħha fl-Istati Membri, mal-korpi konsultattivi fil-livell tal-UE u mal-awtoritajiet nazzjonali bil-għan li xxerred aktar informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi;
7. Jappella għal trasparenza akbar tal-proċess ta' konsultazzjoni u jappella għall-pubblikazzjoni ta' rapporti sommarji, disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE u aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabilità;
8. Jisħaq li l-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrikonoxxi d-demokrazija parteċipattiva bħala wieħed mill-prinċipji demokratiċi ewlenin tal-UE, u b'hekk jissottolinja li d-deċiżjonijiet iridu jiġu adottati kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini, peress li huwa indispensabbli biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE; jemmen li d-demokrazija parteċipattiva tal-UE tirrikjedi l-appoġġ għaċ-ċittadini kollha u l-promozzjoni tal-aċċess tagħhom għal opportunitajiet elettorali u parteċipattivi fi ħdan il-kanali tal-UE u barra minnhom; jenfasizza li din l-aġenda parteċipattiva minn isfel għal fuq għandha tkun kapaċi tikkomplementa, u mhux tissostitwixxi, id-demokrazija rappreżentattiva fl-UE;
9. Jinnota l-fatt li, b'pass imgħaġġel, iċ-ċittadini tal-UE qed jifhmu dejjem aħjar l-impatt tal-governanza tal-UE fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum u fuq l-iżviluppi futuri fl-isfond ta' soċjetà tal-informazzjoni dejjem aktar immexxija mill-midja soċjali, u li dan jaċċelera u jżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-funzjonament tat-teħid ta' deċiżjonijiet u t-talbiet rigward il-governanza tal-UE; itenni li hemm bżonn li ċ-ċittadini jiġu involuti bis-sħiħ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE lil hinn mill-att tal-votazzjoni u f'kanali u strumenti oħra b'mod li jqis iċ-ċiklu sħiħ tal-politika; itenni l-importanza ta' mekkaniżmi parteċipattivi effettivi u s-sejħa tiegħu għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi parteċipattivi permanenti f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021³, u jenfasizza l-ħtieġa li dawn jiġu stabbiliti fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-għodod meħtieġa għal koordinazzjoni orizzontali u vertikali adegwata fost l-istituzzjonijiet f'livelli differenti; iqis li dawn il-mekkaniżmi jistgħu jibnu fuq il-pjattaformi ta' dibattitu politiku online, il-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh u l-kontinwazzjoni tal-Panels taċ-Ċittadini, iżda ma jkunux limitati għalihom; jappoġġja attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għal dawn il-mekkaniżmi, bħal, iżda mhux biss, il-ħinijiet u d-djalogi taċ-ċittadini mal-Kummissjoni, mal-Presidenza tal-Kunsill u mal-Parlament, biex tiġi ffaċilitata u involuta aktar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess

³ ĠU C 99, 1.3.2022, p. 9.

tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li tali mekkaniżmi għandhom jiġu integrati u jsiru parti mid-djalogu interistituzzjonali li jwassal għall-istabbiliment tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni;

10. Jenfasizza li informazzjoni aktar fil-fond dwar it-tħassib taċ-ċittadini se tgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE fl-isforzi tagħhom biex jirrispondu għal dan it-tħassib, f'konformità mal-prinċipji ċentrali tal-Unjoni ta' demokrazija rappreżentattiva;
11. Jistieden lill-istituzzjonijiet jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' persuni vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabilità fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' aċċess aħjar għall-informazzjoni għaċ-ċittadini kollha; jappella għat-tneċija ta' aktar konsultazzjonijiet pubbliċi mmirati lejn gruppi partikolari, bħat-tfal, iż-żgħażaġh u l-anzjani; jistieden lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE biex iqisu l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u jiżguraw segwitu effettiv fil-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet sussegwenti;
12. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament ikollu traduzzjoni orali jew bil-miktub f'kull stadju tal-proċess leġiżlattiv u fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;
13. Jissottolinja l-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni bbażata fuq l-evidenza, rapporti komprensivi dwar il-valutazzjoni tal-impatt u analiżi fil-fond tad-data kollha disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet;
14. Jenfasizza u jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas rikonoxxut ta' valutazzjonijiet tal-impatt għal diversi fajls leġiżlattivi ewlenin, ħaġa li parzjalment biss jista' tiġi attribwita għall-pandemija tal-COVID-19; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippubblika dokument ta' ħidma tal-persunal flimkien mal-proposta jew fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tagħha; jissottolinja l-ħtieġa ta' valutazzjoni estensiva tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-leġiżlazzjoni relatata, u jappella għal soluzzjonijiet u politiki adegwati biex l-effetti negattivi tiegħu jiġu limitati;
15. Jappella sabiex il-valutazzjonijiet tal-impatt jiġu ppubblikati immedjatament wara li jitlestew, u mhux biss meta tiġi ppreżentata proposta ta' politika, biex b'hekk tiġi żgurata trasparenza akbar dwar kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, kif iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fil-Kawża C 57/16P, *ClientEarth vs Il-Kummissjoni*; ifakkar fl-impenn li haġu t-tliet istituzzjonijiet li jikkunsidraw b'mod sistematiku l-użu ta' klawżoli ta' rieżami fil-leġiżlazzjoni bl-iskop li jwettqu evalwazzjonijiet *ex post*;
16. Jinsisti li l-valutazzjonijiet tal-impatt m'għandhom qatt jissostitwixxu d-deċiżjonijiet politiċi u lanqas idewmu l-proċess leġiżlattiv b'mod indebitu; iqis li l-valutazzjonijiet tal-impatt iridu jagħtu attenzjoni ugwali b'mod partikolari lill-evalwazzjoni tal-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, tas-saħħa u dawk ambjentali, b'mod partikolari l-proposti tal-Kummissjoni, u li fejn rilevanti, irid jiġi vvalutat l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
17. Jirrikonoxxi l-bżonn li, meta jemendaw proposti leġiżlattivi b'mod sostanzjali, il-koleġiżlaturi jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt, f'konformità mal-paragrafu 15 tal-

Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴; jimpenja ruħu li jistabbilixxi proċeduri interni biex jipproduċi l-valutazzjonijiet tal-impatt tiegħu stess dwar emendi sostanzjali; jassumi l-impenn li l-kumitati tiegħu jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltà li jitolbu parir espert għal emendi bħal dawn; jitlob li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti lis-servizzi tiegħu biex jappoġġjaw il-kapaċità tal-Membri li jtejbju l-funzjoni tagħhom ta' koleġiżlaturi, bħad-Direttorat tiegħu għall-Valutazzjoni tal-Impatt u l-Valur Miżjud Ewropew;

18. Jisħaq, barra minn hekk, li l-valutazzjonijiet tal-impatt huma għodda li tgħin biex jintlaħqu deċiżjonijiet infurmati tajjeb fil-proċess leġislattiv tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ma jridux iwasslu għal dewmien bla bżonn fit-teħid ta' deċiżjonijiet jew ifixklu d-deċiżjonijiet politiċi f'kuntast ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali b'rispons għall-isfidi globali; jenfasizza li tali proċessi għandhom iqisu l-impatti ekonomiċi, ambjentali, tal-ġeneru u soċjali b'mod integrat u bbilanċjat u jużaw analiżijiet kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, u jindirizzaw ukoll l-ispejjeż tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE; ifakkar li t-fassil ta' regolamentazzjoni li tkun "adatta għall-futur" għandu jinvolti l-adozzjoni ta' approċċ ta' "l-ewwel aħseb fis-sostenibbiltà" fil-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar;
19. Jappella sabiex jiġu żviluppati indikaturi tal-impatt għal kwistjonijiet speċifiċi bħall-impatti fuq gruppi vulnerabbli; ifaħħar, f'dan ir-rigward, il-proposta tal-UNICEF għal indikatur għat-tfal li jevalwa l-impatt tal-politiki fuq it-tfal u jappella għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi simili f'oqsma ta' politiki oħra;
20. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-SMEs tal-UE fl-ekonomija tagħna; itenni li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-ispejjeż amministrattivi, ta' aġġustament u ta' konformità għall-SMEs meta jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt, b'mod partikolari billi jiġi applikat test effettiv tal-SME; jiddispjaċih dwar l-applikazzjoni insuffiċjenti tiegħu sal-lum;
21. Huwa konvint li l-fatt li titqies ukoll l-ispiża tan-nuqqas ta' leġislazzjoni fil-livell Ewropew (l-hekk imsejjaħ kost tan-non-Ewropa) huwa sors importanti ta' narrativa u fehim meta jiġu indirizzati l-għodod disponibbli għal regolamentazzjoni aħjar;
22. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu applikati prinċipji konsistenti tal-abbozzar leġislattiv, b'mod partikolari t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont kif ukoll iċ-ċarezza u l-preċiżjoni, f'konformità mal-prinċipji rikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-QĠUE;
23. Iqis l-uniformità tal-verżjonijiet lingwistiċi fil-lingwi uffiċjali tal-UE bħala prerekwiżit kruċjali għall-interpretazzjoni affidabbli tal-leġislazzjoni attwali mill-qrati u mill-awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri, u jemmen li huma għalhekk kontribut importanti għall-applikazzjoni u l-infurzar uniformi tad-dritt tal-UE; jistieden lill-istituzzjonijiet jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti b'mod sostanzjali fit-tfassil futur tal-liġijiet.
24. Jistieden lill-istituzzjonijiet iżidu l-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu reġistru konġunt iddedikat u faċli għall-utent dwar is-sitwazzjoni attwali tal-fajls leġislattivi li bħalissa għaddejjja ħidma fuqhom kif miftiehem fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

25. Ifakkar fl-impenn tat-tliet istituzzjonijiet li jistabbilixxu tali reġistru leġiżlattiv konġunt biex jippermettu żieda fit-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv u jippermettu liċ-ċittadini u lill-pubbliku infurmat kif ukoll il-pubbliku ġenerali jsegwu l-evoluzzjoni tat-testi leġiżlattivi b'mod ċar u komprensiv; jinsisti fuq il-bżonn li dan il-portal konġunt ikun kompletament operattiv u trasparenti sal-aħħar tal-2022;
26. Jiddeplora n-nuqqas persistenti ta' trasparenza fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill u l-prattika ta' klassifikazzjoni żejda tad-dokumenti u tal-applikazzjoni ta' interpretazzjoni eċċessivament wiesgħa tal-eċċezzjonijiet ipprovduti skont ir-Regolament (UE) Nru 1049/2001, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-protezzjoni tal-pariri legali, li tmur kontra l-prinċipju tal-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar ta' dokumenti relatati; jemmen li l-użu ta' eċċezzjonijiet ta' segretezza għad-dokumenti tal-Kunsill għandu jiġi applikat f'sistema koerenti b'sorveljanza esterna u li tikkonforma mal-ġurisprudenza tal-QĠUE; jistieden lit-tliet istituzzjonijiet jiżguraw applikazzjoni li tħares 'il quddiem u konsistenti tar-Regolament imsemmi hawn fuq li tippermetti aċċess xieraq għad-dokumenti, dment li dawn jikkonċernaw kwistjoni relatata mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà tal-istituzzjoni;
27. Huwa tal-fehma li r-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti fl-attivitajiet tal-Kunsill għandhom ikunu trasparenti daqs dawk tal-Parlament Ewropew; jišhaq, f'dan ir-rigward, li l-pożizzjonijiet diġà difiżi mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Gruppi ta' F'idma tal-Kunsill għandhom isiru pubbliċi sabiex iċ-ċittadini, il-midja u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jkunu jafu x'pożizzjoni ħa l-gvern tagħhom f'isimhom fil-livell tal-UE u jikkontribwixxu għat-tiżni tal-iskrutinju tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE mill-parlamenti nazzjonali, u li dan għandu japplika għad-deċiżjonijiet kollha, mill-fajls leġiżlattivi sal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati;
28. Jirrimarka li l-korpi b'livelli saħansitra inqas ta' trasparenza bħall-Grupp tal-Euro għandhom, bħala l-ewwel pass, ikunu soġġetti għar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill, filwaqt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-proċeduri ta' votazzjoni, il-minuti, ir-riżultati, u l-ispjegazzjoni tal-voti u d-deliberazzjonijiet tagħhom;
29. Jemmen li jeħtieġ li l-UE tiżviluppa politika aktar ambizzjuża dwar l-aċċess għad-dokumenti u tipprovdi għal applikazzjoni aħjar tar-regoli attwali, inkluż għad-dokumenti relatati man-negozjati interni, tat-trilogu u internazzjonali; ifakkar li skont l-Ombudsman Ewropew, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għad-dokumenti, b'mod partikolari d-dokumenti leġiżlattivi, għandhom ikunu eċċezzjonali u limitati għal dak li huwa assolutament neċessarju; ifakkar ukoll li t-trasparenza u l-pubbliċità ta' proċedura leġiżlattiva li għaddejjja bħalissa huma inerenti għall-proċess leġiżlattiv u għalhekk jistgħu jiġu applikati għall-aċċess għal dokumenti għat-trilogi kif iddikjarat mill-QĠUE fil-ġurisprudenza tagħha, b'mod partikolari l-kawża T540/15, *De Capitani vs il-Parlament*; iżid, barra minn hekk, li l-ftuħ u t-trasparenza jagħtu leġittimità akbar u jiġġeneraw fiduċja akbar fil-proċess leġiżlattiv demokratiku tal-Unjoni Ewropea;
30. Jappella għal miżuri urġenti biex tissaħħaħ it-trasparenza tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-proċeduri ta' ksur;
31. Jemmen li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha dejjem tkun adatta għall-iskop tagħha,

proporzjonata u timmira li żżomm il-piż għaċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs, baxx kemm jista' jkun; itenni l-ħtieġa li jiġu evitati piżijiet amministrattivi, ta' aġġustament u ta' konformità mhux meħtieġa fit-tfassil, fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-atti tal-UE;

32. Jinsisti li l-implimentazzjoni effikaċi tad-dritt tal-UE hija essenzjali biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fil-politiki u l-istituzzjonijiet tal-UE; ifakkar li skont l-Artikolu 197 tat-TFUE, tali implimentazzjoni trid titqies bħala kwistjoni ta' interess komuni għall-Istati Membri u jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda meta jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE; jisħaq li tali regolamentazzjoni żejda spiss toħloq piżijiet amministrattivi jew ta' konformità addizzjonali, speċjalment għall-SMEs; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fil-livell nazzjonali dwar regolamentazzjoni aħjar u jevitaw Prattiki li jwasslu għal piżijiet mhux meħtieġa meta jimplimentaw id-dritt tal-UE; iqis, madankollu, li l-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar m'għandux iżomm lill-parlamenti tal-Istati Membri milli jżommu jew jieħdu miżuri aktar ambizzjużi f'każijiet fejn l-istandards minimi biss huma definiti mid-dritt tal-Unjoni;
33. Itenni li infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE huwa parti ewlenija tal-aġenda għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; jirrimarka li piż regolatorju eċċessiv għaċ-ċittadini u n-negozji spiss jista' jiġi attribwit għal kwistjonijiet ta' konformità tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tinforza l-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod sħiħ u mingħajr dewmien żejjed u tingrana l-għodod eżistenti kollha; jisħaq li l-politika ta' infurzar tal-Kummissjoni trid tkun aktar prevedibbli u trasparenti u ssaħħaħ iċ-ċertezza tad-dritt għall-partijiet ikkonċernati kollha;
34. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għandha l-għan li tpatti għall-piżijiet ġodda billi teħles liċ-ċittadini u lin-negozji minn piżijiet ekwivalenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta' politika; jieħu nota tal-fatt li l-approċċ "one in, one out" għandu l-għan li jsaħħaħ il-programm REFIT billi jestendih lil hinn mill-piżijiet dovuti għal atti kurrenti biex jinkludi wkoll piżijiet minn leġiżlazzjoni ġdida, kif ukoll jiġi mmaniġġjat il-piżi akumulattiv f'kull qasam ta' politika; jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa kif leġiżlazzjoni ġdida tikkoinċidi mal-liġijiet u r-regolamenti attwali; iwissi, madankollu, li dan l-approċċ m'għandux iwassal għal applikazzjoni purament mekkanika li tista' tirriżulta f'enfasi eċċessiva fuq il-piżijiet regolatorji u tista' twassal sabiex il-benefiċċji jiġu injorati jew ikollhom impatt negattiv fuq il-kisba ta' għanijiet ta' politika leġittimi oħra; jemmen li dan l-approċċ għandu jqis ukoll l-impatt potenzjali tat-tħassir tal-leġiżlazzjoni diġà implimentata fil-qafas regolatorju domestiku tal-Istati Membri; itenni, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' konsultazzjoni fl-UE kollha fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali u jinsisti fuq il-ħtieġa ta' evalwazzjonijiet estensivi tal-impatt tal-politika fil-livelli kollha sabiex dawn l-isfidi potenzjali jiġu indirizzati;
35. Jemmen bil-qawwa li regolamentazzjoni aħjar hija meħtieġa biex l-UE tkun tista' tilħaq il-miri stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku; jilqa' l-impenn tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jitneħħew l-ostakli u l-burokrazija li jfixklu l-progress tat-tranżizzjoni ekoloġika; jisħaq fuq l-importanza ta' evalwazzjonijiet *ex post* tal-leġiżlazzjoni dwar il-klima biex jiġi żgurat li l-UE qed twettaq l-impenji tagħha;

36. Ifakkar fl-importanza li jinżamm kuntatt mill-qrib bejn il-koleġiżlaturi qabel in-negozjati interistituzzjonali, inkluż permezz ta' skambji ta' fehmiet informali fuq bażi regolari li għalihom jiġu mistiedna rappreżentanti ta' istituzzjonijiet oħra, f'konformità mal-impenn indikat fil-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; jiddispjaċih li dan l-impenn ma wassal għall-ebda struttura ġdida ta' kooperazzjoni u lanqas għal prattiki sistematiċi biex dawn l-iskambji jiġu ffaċilitati; jissuġġerixxi li l-koleġiżlaturi jaqblu dwar kodiċi ta' prattika tajba f'dak ir-rigward;
37. Jappella għar-reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet sabiex jiġi integrat mekkaniżmu permanenti ta' konsultazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess li jwassal għall-istabbiliment tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni;
38. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Gruppi Fokali tal-Parlament li jissottolinjaw il-ħtieġa li jiġu riveduti l-Artikolu 132 u l-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar l-aċċess għall-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex il-Membri tal-PE jkunu jistgħu jattendu jew jiġu interrogati matul il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill, tal-COREPER jew tal-Kunsill;
39. Jisħaq li dritt ta' inizjattiva parlamentari huwa karatteristika importanti tad-demokrazija rappreżentattiva fil-livell tal-Istati Membri u jara l-ħtieġa li l-Membri tal-PE jingħataw is-setgħa, bħala r-rappreżentanti diretti taċ-ċittadini tal-UE, billi jissaħħaħ id-dritt tagħhom li jkawru l-aġenda leġislattiva tal-UE; jilqa' l-impenn tal-President tal-Kummissjoni li tappoġġja d-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament Ewropew u l-impenn tagħha li dejjem twieġeb b'att leġislativ għat-talbiet skont l-Artikolu 225 tat-TFUE; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jeliminaw l-ostakli li jista' jkun hemm għall-kapaċità tal-Parlament li jeżerċita s-setgħa tiegħu li jipproponi inizjattivi leġislativi; iqis li l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea jista' jiġi riveduti biex dan id-dritt ikun jista' jiġi ffaċilitat aktar. jenfasisza l-ħtieġa li jiġu ċċarati wkoll id-differenzi bejn id-diversi tipi ta' rapporti tal-Parlament u li tiġi ċċarata x'azzjoni talbu mill-Kummissjoni;
40. Jirrimarka li t-tfassil aħjar tal-liġijiet jirrikjedi proċeduri leġislativi effettivi li jwasslu għall-konklużjoni ta' proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE fi żmien xieraq; jiddispjaċih li l-proċeduri leġislativi speċjali stabbiliti fit-Trattati wisq rarament ġew konklużi b'suċċess minħabba n-nuqqas ta' impenn tal-Kunsill u fin-nuqqas ta' linji gwida proċedurali effettivi;
41. Jirakkomanda li l-proċess leġislativ li jirriżulta mid-dritt ta' inizjattiva leġislattiva mogħti lill-Parlament mit-Trattati jrid jinkludi talba għall-istabbiliment ta' kalendarju leġislativ għall-inizjattivi kkonċernati, b'mod simili għall-proċedura leġislattiva ordinarja; jissottolinja, barra minn hekk, li tali proċedura leġislattiva speċjali trid tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet rigward l-obbligu istituzzjonali għat-tliet istituzzjonijiet biex jinnegozjaw u jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka fl-Artikolu 13(2) tat-TUE;
42. Iqis li f'każijiet fejn il-Parlament jeżerċita d-dritt ta' inizjattiva, bħal dwar ir-regolamenti relatati mal-kompożizzjoni tiegħu stess, l-elezzjoni tal-Membri tiegħu u l-

kundizzjonijiet ġenerali għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, u l-istatut tal-Ombudsman kif ukoll il-kostituzzjoni ta' kumitati ta' inkjesta temporanji, għandhom jitqiesu miżuri fi Ftehim Interistituzzjonali futur biex jiġi evitat li fajls istituzzjonali importanti jiġu mblukkati;

43. Iqis li meta t-Trattati jiġu riveduti, il-Parlament għandu jingħata d-dritt ta' inizjattiva leġislattiva, peress li huwa l-unika istituzzjoni eletta direttament;
44. Jilqa' d-deliberazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fir-rigward tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; jenfasizza b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini Nru 1, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet 35, 36, 41, 46 u 48, kif ukoll tal-Panel taċ-Ċittadini Nru 2, b'mod partikolari s-sottofluss 2.1, Nru 10 u Nru 11; is-sottofluss 3.1, Nru 16; is-sottofluss 4.1, Nru 24 u sottofluss 4.2, Nru 29 u Nru 32, u l-fluss 5, il-Parteċipazzjoni taċ-Ċittadini, speċjalment in-Nru 39 tiegħu; jinsisti dwar il-ħtieġa li wieħed jinvolvi ruħu b'mod sinifikanti fir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport finali dwar il-Konferenza, li se jitfassal mill-Bord Eżekuttiv b'kooperazzjoni mal-Plenarja tal-Konferenza, abbażi tad-dibattiti tal-Plenarja tal-Konferenza dwar ir-rakkomandazzjonijiet mill-Panels taċ-Ċittadini nazzjonali u Ewropej, kif ukoll il-kontribut mill-Pjattaforma Diġitali Multilingwi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-panels juru b'mod ċar li ċ-ċittadini qed jappellaw għal aktar trasparenza fid-dibattitu pubbliku fl-UE, għal aktar sensibilizzazzjoni u biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' użu attiv tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-midja soċjali, u li dan għandu jakkumpanja t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE, inklużi l-proċessi leġislattivi; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament jimplimentaw il-konklużjonijiet finali tal-Konferenza abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Panels taċ-Ċittadini f'konformità mal-prinċipji minquxa fit-Trattati;
45. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tad-dritt ta' inizjattiva fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, peress li ssaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-UE u tagħti aktar setgħa liċ-ċittadini tal-UE;
46. Iqis li l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' proċessi ta' diġitalizzazzjoni fil-proċess deċiżjonali tat-tliet istituzzjonijiet jikkostitwixxi sfida essenzjali u opportunità għat-tiħiħ tal-kwalità tat tfassil tal-liġijiet tal-UE fl-era diġitali; jemmen li l-impenji tat-tliet istituzzjonijiet b'rabta ma' tali żviluppi għandhom jiġu identifikati b'mod ċar u inklużi fi kwalunkwe reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. jistieden lil-leġislaturi jużaw id-diġitalizzazzjoni sabiex jevitaw burokrazija żejda, jiffaċilitaw il-ħidma leġislattiva tagħhom kif ukoll l-espressjoni demokratika tal-uffiċjali eletti.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	16.3.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Daniel Freund, Charles Goerens, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Victor Negrescu, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Antonio Tajani, László Trócsányi, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jorge Buxadé Villalba, Nathalie Colin-Oesterlé, Sophia in 't Veld, Nikolaj Villumsen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
PPE	Nathalie Colin-Oesterlé, Brice Hortefeux, Paulo Rangel, Sven Simon, Antonio Tajani, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Renew	Pascal Durand, Charles Goerens, Sandro Gozi, Sophia in 't Veld
S&D	Gabriele Bischoff, Włodzimierz Cimoszewicz, Victor Negrescu, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira
The Left	Helmut Scholz, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund

3	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Jacek Saryusz-Wolski
NI	László Trócsányi

3	0
ID	Gerolf Annemans, Laura Huhtasaari, Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

3.3.2022

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

Is-Sur Adrián Vázquez Lázara
President
Kumitat għall-Affarijiet Legali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI))

Sur Vázquez Lázara,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Lulju 2021, il-Koordinaturi tal-kumitat iddeċidew li jibagħtu l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Marzu 2022. F' dik il-laqgħa huwa ddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Minbarra s-suġġerimenti li jinsabu hawn taħt, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għal dan li ġej:

Peress li l-Istati Membri esprimew tħassib u dubji serji dwar l-effikaċja tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà ("karti sofor u oranġjo"), nixtiequ nenasizzaw il-ħtieġa ta' Mekkaniżmu ta' Kontroll tas-Sussidjarjetà aktar effikaċi. Għalhekk nitolbu li tiġi stabbilita sistema ġdida, kostruttiva u aktar effikaċi. Il-prinċipju "one-in-one-out" huwa għodda mfassla biex tindirizza l-piżijiet amministrattivi u regolatorji. Madankollu, il-prinċipju "one-in-one-out" ifisser biss li jinżamm l-istatus quo. Neħtieġu approċċ aktar ambizzjuż biex il-burokrazija titnaqqas verament u b'mod effikaċi. Il-ħsieb fil-bidu fuq skala żgħira, f'termini tal-SMEs, għandu jkun parti integrali mill-proċess deċiżjonali u għandu jiġi rifless fil-politiki futuri. Id-dewmien fin-nomina ta' rappreżentant ġdid tal-SMEs mhuiwix aċċettabbli; għalhekk, rappreżentant ġdid tal-SMEs għandu jinħatar immedjatament. Barra minn hekk, ir-rappreżentant il-ġdid tal-SMEs għandu jkollu pożizzjoni ċentrali b'kompetenzi orizzontali fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, qrib il-proċess deċiżjonali. Għandhom jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi għall-pożizzjoni biex jiġi żgurat fluss tax-xogħol effettiv.

Dejjem tiegħek,

SUĠĠERIMENTI

1. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar filwaqt li jqisu b'mod integrat u bbilanċjat l-impatti ekonomiċi, ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-ġeneru;
2. Jinnota l-impenn tal-Kummissjoni li tintroduċi l-OIOOP, iżda jirrikonoxxi li dan huwa biss approċċ kwantitattiv li jista' jiġi kkomplementat minn miżuri kwalitattivi biex jiġi żgurat tfassil tal-liġijiet effikaċi u li jibqa' validu fil-futur f'konformità mal-oġettivi fit-tul tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa li l-Kummissjoni tipprovdni analiżi *ex post* sostantiva tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju, inkluż dwar l-effetti transsettorjali u transnormattivi; jantiċipa, għalhekk, il-ħruġ tal-ewwel rapport ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni;
3. Ifakkar li ż-żieda ta' miżuri addizzjonali ("gold-plating") mill-Istati Membri mad-direttivi tal-UE għadha mifruxa, u li żżid livell mhux meħtieġ ta' piż amministrattiv u burokrazija żejda, iddewwem l-implimentazzjoni tal-politiki u tnaqqas l-assorbiment tal-finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiskoraġġixxi lill-Istati Membri mir-regolamentazzjoni żejda, bħala l-ewwel pass lejn it-trażżin ta' marea ta' regolamentazzjoni ġdida;
4. Jinnota li jeħtieġ li jseħħ aktar progress, b'mod partikolari fil-qasam tas-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-forom u l-proċeduri, bl-implimentazzjoni konsistenti tal-prinċipji "ta' darba biss" u "diġitali b'mod awtomatiku", kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri;
5. Jenfasizza li l-adozzjoni ta' pjan direzzjonali b'miżuri u indikaturi konkreti u vinkolanti hija prerekwiżit importanti għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna biex isiru aktar sostenibbli u reżiljenti mil-lat soċjali, ekonomiku u ambjentali, filwaqt li tiġi żgurata bis-sħiħ il-kompetittività tal-UE billi tingħata spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri kwantitattivi u kwalitattivi ambizzjużi u vinkolanti fil-livell tal-UE għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, mill-aktar fis possibbli wara li tikkonkludi valutazzjoni tal-impatt;
7. Jappella, għalhekk, għal test obligatorju li jkun kapaċi jivvaluta, fir-rigward tal-SMEs, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proposti leġiżlattivi, inklużi l-impatt ekonomiku u ambjentali tagħhom u l-impatt tagħhom fuq l-impjegati tal-SMEs;
8. Jinsisti li r-riżultati tat-test tal-SMEs jitqiesu fil-proposti leġiżlattivi kollha u li jintwera b'mod ċar kif se tinkiseb is-simplifikazzjoni u, fejn possibbli, jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet addizzjonali biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi jew regolatorji żejda għall-SMEs;
9. Ifakkar li l-enfasi ewlenija matul il-proċess leġiżlattiv tal-UE għandha tkun fuq il-kwalità, it-trasparenza u l-aġġornament, l-użu tal-aħħar għarfien u data tal-ogħla livell fil-valutazzjonijiet tal-impatt u mhux fuq il-ħeffa li biha jitlestew l-inizjattivi;
10. Jilqa' l-fatt li l-analiżi "la tagħmilx ħsara sinifikanti" se tiġi inkluża fil-valutazzjoni tal-

għażla ppreferuta fil-valutazzjonijiet tal-impatt, filwaqt li jitqiesu wkoll l-ispiża tal-azzjoni u n-nuqqas ta' azzjoni fuq l-ambjent u l-klima fl-immedjat u fit-tul;

11. Jilqa' l-istabbiliment tal-Pjattaforma Fit for Future (F4F) f'Mejju 2020 bħala s-suċċessur tal-pjattaforma REFIT, u jissottolinja l-importanza li jitqiesu l-inputs tan-network tar-Rappreżentanti tal-SMEs;
12. Ifakkar li r-rieżamijiet ta' nofs it-terminu u l-klawżoli ta' estinzjoni huma għodod utli biex jiġi żgurat li l-liġijiet tal-UE tagħna jkunu dejjem aġġornati jew jiġu rtirati fil-ħin wara li jaqdu l-iskop tagħhom; ifakkar li l-proċess biex ir-regolamentazzjoni ssir "adatta għall-futur" jinvolvi, fost affarijiet oħra, l-iżgurar tas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tagħha;
13. Jenfasizza li r-"Regolamentazzjoni Aħjar" għandha tkun ta' benefiċċju għal kulħadd u taqdi l-interess ġenerali tas-soċjetà Ewropea, in-negozji, il-ħaddiema, iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-ambjent;
14. Jilqa' l-adozzjoni ta' approċċ ta' "l-ewwel aħseb fis-sostenibbiltà" fil-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar; jissottolinja li l-pjanijiet direzzjonali biex jinkiseb tnaqqis fl-ispejjeż u effiċjenza regolatorja u amministrattiva għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-oġettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-SDGs u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-effikaċja u l-funzjonament tajjeb tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) billi tiżgura li jkollu maġġoranza ta' esperti esterni u appoġġ miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka;
16. Itenni li l-indipendenza, it-trasparenza u l-oġġettività tal-RSB u l-ħidma tiegħu jridu jiġu żgurati u li l-membri tal-Bord ma għandhom jiġu soġġetti għall-ebda kontroll politiku, kunflitt ta' interess jew preġudizzju; sabiex tkompli tissaħħaħ it-trasparenza tal-RSB, il-membri kollha tiegħu għandhom jirriproduċu l-prattiki attwali ta' żvelar tal-president tal-RSB;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi rappreżentanza bbilanċjata ta' kumpaniji kbar u żgħar fil-korpi u l-kumitati rilevanti kollha assoċjati mat-tfassil tal-politika tal-UE, inkluż fuq l-RSB;
18. Iqis li r-rekwiżit attwali li jkun hemm biss rappreżentant wieħed tal-SMEs fuq l-RSB, li jirrappreżenta lill-SMEs kollha fis-setturi kollha, huwa insuffiċjenti, meta titqies il-varjetà kbira ta' kwistjonijiet li jridu jiġu vvalutati mill-RSB;

Membri li qed jipparteċipaw għall-votazzjoni finali	
Cristian-Silviu Buşoi	President
Zdzisław Krasnodębski	Viċi President
Morten Petersen	Viċi President
Patrizia Toia	Viċi President
Lina Gálvez Muñoz	Viċi President
Isabella Adinolfi	
Nicola Beer	
François-Xavier Bellamy	
Hildegard Bentele	
Tom Berendsen	
Vasile Blaga	
Michael Bloss	
Manuel Bompard	
Paolo Borchia	
Marc Botenga	
Markus Buchheit	
Jerzy Buzek	
Maria da Graça Carvalho	
Ignazio Corrao	
Ciarán Cuffe	
Nicola Danti	
Pilar del Castillo Vera	
Jakop G. Dalunde	
Martina Dlabajová	
Francesca Donato	
Christian Ehler	
Valter Flego	
Niels Fuglsang	
Claudia Gamon	
Jens Geier	
Nicolás González Casares	
Bart Groothuis	
Christophe Grudler	
András Gyürk	
Henrike Hahn	
Robert Hajšel	
Ivo Hristov	
Ivars Ijabs	
Romana Jerković	
Eva Kaili	
Seán Kelly	
Izabela-Helena Kloc	
Łukasz Kohut	
Andrius Kubilius	
Miapetra Kumpula-Natri	
Adriana Maldonado López	

Thierry Mariani	
Marisa Matias	
Eva Maydell	
Georg Mayer	
Joëlle Mélin	
Iskra Mihaylova	
Dan Nica	
Angelika Niebler	
Ville Niinistö	
Aldo Patriciello	
Mauri Pekkarinen	
Mikuláš Peksa	
Tsvetelina Penkova	
Pina Picierno	
Markus Pieper	
Clara Ponsatí Obiols	
Manuela Ripa	
Robert Roos	
Sara Skyttedal	
Maria Spyraiki	
Jessica Stegud	
Beata Szydło	
Riho Terras	
Grzegorz Tobiszowski	
Evžen Tošenovský	
Marie Toussaint	
Isabella Tovaglieri	
Henna Virkkunen	
Pernille Weiss	
Carlos Zorrinho	

25.4.2022

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN

Is-Sur Adrián Vázquez Lázara
President
Kumitat għall-Affarijiet Legali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI))

Sur President,

Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin approva d-deċiżjoni mill-koordinaturi tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem li jippreżentaw opinjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar ir-rapport fuq inizjattiva proprja tiegħu dwar Regolamentazzjoni Aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI)) fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin sussegwentement jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

David McAllister

SUĠĠERIMENTI

1. Jilqa' l-fatt li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Regolamentazzjoni Aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar" tipproponi diversi elementi ta' titjib fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE, inkluż titjib fil-linji gwida u fis-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, b'mod partikolari bl-integrazzjoni tal-SDGs tan-NU biex jiġi żgurat li l-proposti leġiżlattivi kollha tal-Kummissjoni jikkontribwixxu għall-aġenda sostenibbli 2030; jissottolinja li l-komunikazzjoni tapplika għall-proposti politiċi u leġiżlattivi kollha tal-Kummissjoni, inklużi dawk dwar il-politiki esterni; jitlob li tiġi żgurata perspettiva olistika li tqis id-drittijiet tal-bniedem bħala ċentrali għad-dimensjonijiet kollha tal-iżvilupp sostenibbli - id-dimensjoni soċjali, dik ambjentali, kif ukoll dik ekonomika;
2. Ifakkar li l-protezzjoni, il-promozzjoni u l-iffaċilitar tat-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija huma prijorità ewlenija tal-azzjoni esterna tal-UE kif minqax fl-Artikolu 21 tat-TUE, li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tapplika wkoll għall-azzjoni esterna tagħha; jenfasizza li l-UE tenniet ripetutament l-impenn tagħha li tibqa' attur influwenti fix-xena dinjija u li tkompli taqdi rwol ewlieni bħala difensur globali tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; jiddispaċih, għalhekk, li l-proposta għadha limitata fit-trasformazzjoni tal-għodda dwar id-drittijiet fundamentali fis-sett ta' għodod tal-UE għal Regolamentazzjoni Aħjar fil-linji gwida dwar l-impenn globali tal-UE u l-obbligu bbażat fuq it-Trattat għad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja għalhekk l-importanza tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-politiki esterni kollha tal-UE, inklużi l-politika kummerċjali u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli;
3. Jissottolinja għalhekk li l-linji gwida għandhom jiġu riveduti u implimentati b'mod effettiv biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem jitqiesu kif xieraq u b'mod sistematiku, filwaqt li l-UE tiġi obbligata li ma tieħu l-ebda azzjoni li tipprevjeni jew tagħmel aktar diffiċli t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li l-impatt fuq il-ġeneri għandu jiġi integrat fir-rappurtar kollu u li minbarra l-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem jeħtieġ li jinkludu data diżaggregata skont il-ġeneru u jevalwaw l-impatt speċifiku fuq in-nisa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem;
4. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħa l-obbligu orizzontali tal-integrazzjoni tat-testijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tal-valutazzjoni tal-impatt għall-oqsma kollha tal-politika esterna mingħajr eċċezzjoni u tiżgura konsistenza effettiva bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha; jissottolinja li l-Kummissjoni għandha tfassal u tispeċifika b'mod sistematiku l-għażliet li jipproteġu d-drittijiet fundamentali u jiffavorixxu dawk li għandhom l-oġġettiv impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali;
5. Itenni t-talba tiegħu biex jitwettqu valutazzjonijiet regolari tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-ftehimiet politiċi u kummerċjali kollha tal-UE ma' pajjiżi terzi, kif ukoll għal valutazzjonijiet tal-impatt sistematiki fuq id-drittijiet tal-bniedem qabel ma jingħata l-istatus SĠP lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw il-possibbiltà li jinkludu valutazzjonijiet tal-impatt sistematiki fl-

Istrument Ewropa Globali kif ukoll fil-Faċilità Ewropea għall-Paċi; jitlob ukoll li tingħata spjegazzjoni dettaljata meta l-kontributi tas-soċjetà ċivili jiġu injorati f'valutazzjoni tal-impatt, biex jintwera li l-għażliet rilevanti kollha ġew ikkunsidrati u jiġi żgurat li l-interess pubbliku u d-drittijiet tal-bniedem jipprevalu dejjem;

6. Jissottolinja l-importanza li l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem jiġu interkonnessi mal-qafas ta' politika l-ġdid tal-UE dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem billi jiġi żgurat li d-data ġġenerata dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-impriżi u r-riskji ambjentali għal kull settur, attività kummerċjali u katina tal-valur tikkontribwixxi għall-korpi tal-infurzar u tal-monitoraġġ fil-livell tal-UE u nazzjonali, filwaqt li jiġu pprovduti punti ta' riferiment li jistgħu jitkejlu u kontenut sostantiv;
7. Jissuġġerixxi li l-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju għandu jinkludi bħala membri, espert tad-drittijiet tal-bniedem u espert dwar kwistjonijiet ambjentali, għandu jsaħħaħ is-sensibilizzazzjoni esterna tiegħu billi jirċievi l-kontribut tas-soċjetà ċivili u għandu jipprovdi tweġibiet pubbliċi għall-kontributi tas-soċjetà ċivili;
8. Itenni l-importanza tal-koerenza tal-politiki fir-rigward tal-politiki esterni tal-UE; jilqa' kwalunkwe inizzjattiva biex jissaħħaħ approċċ effettiv u konsistenti mill-UE f'dan ir-rigward.

3.3.2022

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

Is-Sur Adrián Vázquez Lázara
President
Kumitat għall-Affarijiet Legali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar "*Regolamentazzjoni aħjar: ngħaqqdu l-forzi biex nagħmlu liġijiet aħjar*" (2021/2166(INI))

Sur President,

Il-koordinaturi tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) iddeċidew fit-3 ta' Ġunju 2021 li l-Kumitat ENVI jipprovdi opinjoni dwar "*Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar*" (2021/2166(INI)) fil-forma ta' ittra.

Għalhekk, kemm bħala President tal-Kumitat ENVI kif ukoll bħala rapporteur tal-Kumitat ENVI għal din l-opinjoni, nixtieq nistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti mehmuża, li ġew adottati mill-Kumitat ENVI fil-laqgħa tiegħu¹ tat-3 ta' Marzu 2022, fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pascal Canfin (President), César Luena (Viċi President), Dan-Ștefan Motreanu (Viċi President), Mathilde Androuët, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Michael Bloss, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Cornelia Ernst, Eleonora Evi, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Malte Gallée, Andreas Glück, Nicolás González Casares, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Jessica Polfjärd, Nicola Procaccini, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaaard-Lidell, Maria Spyraiki, Nicolae Ștefănuță, Róża Thun und Hohenstein, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Nikolaj Villumsen, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Tiemo Wölken.

Pascal Canfin

Kopja: Tiemo Wölken

SUĠĠERIMENTI

1. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonforma immedjatament u bis-sħiġ mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(4) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima¹, li jipprevedi li kwalunkwe abbozz ta' miżuri u proposti leġislattivi jeħtieġ li jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050; ifakkar li għal dan il-għan, il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta l-konsistenza tal-abbozzi ta' miżuri jew proposti leġislattivi kollha, inklużi proposti baġitarji, mal-objettivi tan-newtralità klimatika u jekk jiżgurawx progress fl-adattament għat-tibdil fil-klima;
2. Jiddeplora l-fatt li l-kontrolli l-ġodda tal-konsistenza klimatika ġew applikati biss għall-valutazzjonijiet tal-impatt dwar abbozzi ta' miżuri leġislattivi u proposti mill-1 ta' Jannar 2022, minkejja d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima f'Lulju 2021, li jfisser li d-dispożizzjonijiet tal-liġi ma ġewx implimentati għal għadd ta' proposti rilevanti għall-Patt Ekoloġiku Ewropew;
3. Jilqa' l-approċċ għall-verifika tal-konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet li huwa deskritt fil-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar u fil-linji gwida u s-sett ta' għodod sussegwenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, madankollu, tapplika dawk il-kontrolli b'mod sistematiku, u tagħmel dan fil-bidu tal-proċess tat-tnejjija ta' abbozz ta' miżura ġdida jew kontroll tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti sabiex tkun tista' ġenwinament tiggwida l-għażliet ta' politika; jissottolinja li l-Liġi Ewropea dwar il-Klima tobbliga lill-Kummissjoni tipprovdi r-raġunijiet fil-każ ta' nuqqas ta' allinjament ta' abbozz ta' miżura jew proposta leġislattiva mal-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, bħala parti mill-valutazzjoni tal-konsistenza msemmija fl-Artikolu 6(4);
4. Jesprimi tħassib dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima f'każijiet fejn ma titwettaq l-ebda valutazzjoni tal-impatt, speċjalment għal proposti politikament sensitivi, inkluża leġislazzjoni sekondarja; ifakkar li, kif miftiehem skont il-FII, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi, l-atti delegati u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha li huma mistennija li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti;
5. Jappoġġja l-impenn għal analiżi u rappurtar aħjar tal-impatti ambjentali fil-politiki kollha tal-UE permezz ta' valutazzjoni obligatorja tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", u l-fatt li din il-valutazzjoni għandha tiġi applikata għal proposti mill-oqsma kollha ta' politika, sabiex tiġi evitata applikazzjoni mhux uniformi; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, billi torbotha mal-Artikolu 17 tar-Regolament² dwar it-Tassonomija tal-UE, kif diġà huwa l-każ fil-linji gwida;

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

² Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

6. Jissottolinja li l-valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" trid tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji usa' għas-soċjetà, bħal fil-qasam tas-saħħa pubblika, u l-impatti ambjentali;
7. Jissottolinja li l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar għandha sservi biex tappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Unjoni anke billi tneħħi leġislazzjoni li ma għadhiex adattata għall-iskop tagħha, sabiex fost affarijiet oħra tħaffef il-piż amministrattiv għall-SMEs; jindika li l-ħtieġa għal politiki ġodda m'għandhiex timplika awtomatikament li l-politiki attwali m'għadhomx meħtieġa; jisħaq li l-applikazzjoni tal-approċċ "one in, one out" ma tridx twassal għal deregolamentazzjoni jew tnaqqis tal-istandards ta' protezzjoni għaċ-ċittadini Ewropej u għall-ambjent, u lanqas ma għandha xxekkel l-adozzjoni ta' proposti li għandhom l-għan li jaġġornaw jew jikkompletaw il-qafas leġislattiv eżistenti biex jilħaq il-livell ogħla tal-ambizzjoni tal-UE, pereżempju kif espress fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa;
8. Jappella biex ikun hemm trasparenza sħiħa fl-approċċ "one in, one out"; jappella lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida ċari u bbażati fuq il-prinċipji għall-għażla u l-valutazzjoni tal-kandidati għall-irtirar, inkluża metodoloġija għal kalkolatur biex jistma l-"ispejjeż" u l-"benefiċċji"; jisħaq li tali valutazzjonijiet m'għandhomx iqisu biss l-impatti amministrattivi jew ekonomiċi, iżda jħarsu wkoll lejn l-acquis tal-UE b'mod olistiku u jqisu l-impatti soċjali u ambjentali u l-impatti fuq is-saħħa pubblika tiegħu;
9. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni³ biex tiffaċilita l-kisba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi tindirizza l-ostakli u l-burokrazija żejda li jistgħu jnaqqsu r-ritmu tal-implimentazzjoni tiegħu, billi tagħti attenzjoni speċjali lill-implikazzjonijiet u l-ispejjeż tal-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni, speċjalment għall-SMEs;
10. Jissottolinja li l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar għandha tappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni billi tippermetti, fost l-oħrajn, teknoloġiji innovattivi u abilitanti li jinġiebu fis-suq aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti; jilqa' l-fatt li l-preservazzjoni ta' standards ambjentali għoljin tista' tipproduċi benefiċċji addizzjonali bħal opportunitajiet ġodda ta' negozju, vantaġġi kompetittivi għall-industrija Ewropea u kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku kollu;
11. Ifakkar li l-valutazzjoni ta' "piż mhux meħtieġ" jeħtieġ li tqis l-effetti "netti" tal-leġislazzjoni tal-UE f'livelli amministrattivi differenti, filwaqt li tqis bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, fejn l-adozzjoni ta' biċċa waħda ta' leġislazzjoni fil-livell tal-UE, speċjalment fil-forma ta' regolamenti tal-UE applikabbli direttament, tista' tirriżulta f'piż amministrattiv aktar baxx fil-livelli nazzjonali jew lokali, kif ukoll ittejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi r-regoli jsiru trasparenti, prevedibbli u applikati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha tal-UE, u b'hekk jitnaqqsu wkoll l-ispejjeż u l-impatt ta' esternalitajiet negattivi relatati mal-ambjent, il-klima u s-saħħa; jinnota li l-fatt li l-leġislazzjoni tal-UE ssir aktar ċara biex tikkonforma magħha, pereżempju permezz tal-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, jista' jappoġġja l-

³ L-opinjoni tal-Kumitat ENVI dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 – it-taqsimiet kollha.

applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni tal-UE;

12. Jappoġġja l-integrazzjoni sistematika tal-prospettiva strateġika fit-tfassil tal-politika bħala mod kif jiġi żgurat li l-politiki u l-liġijiet tal-UE jkunu "adattati għall-futur"; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel użu aħjar tal-prospettiva strateġika peress li għandha rwol ewlieni biex tgħin fit-tfassil tal-politika tal-UE li jibqa' validu fil-futur billi tiżgura li l-inizjattivi jkunu bbażati fuq perspettiva aktar fit-tul; jappella, f'dan ir-rigward, biex ir-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) jitqiesu b'mod sistematiku fil-proċess ta' prospettiva strateġika; jilqa' f'dan ir-rigward il-ħidma tal-Pjattaforma Fit for Future, li tiġbor flimkien l-għarfien espert ta', fost l-oħrajn, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u n-negozji żgħar u kbar f'laqgħat regolari biex tittejjeb il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE; jinnota li din il-pjattaforma tista' tintuża wkoll biex jiġu diskussi temi usa', bħat-tranżizzjoni ekoloġika;
13. Jappoġġja l-applikazzjoni ta' tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, u jissottolinja li evidenza xjentifika affidabbli evalwata bejn il-pari għandha tkun il-pedament ta' regolamentazzjoni aħjar, kif ukoll ir-rispett għall-prinċipju ta' prekawzjoni; f'dan ir-rigward, jappella lill-Kummissjoni biex timmaniġġja l-evidenza b'mod trasparenti, skont il-prinċipju FAIR (traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli);
14. Jilqa' l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fit-tfassil tal-politika, sabiex jiġi żgurat li kull proposta leġislattiva tikkontribwixxi għall-SDGs; jappella biex il-valutazzjonijiet tal-impatt iqisu l-impatt fuq il-kisba tal-Aġenda 2030 kollha kemm hi u mhux biss jidentifikaw l-SDGs "rilevanti", minħabba n-natura olistika u integrata tal-Aġenda; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu li tintegra, fejn rilevanti, l-SDGs fil-linji gwida u s-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar u li tqis il-firxa sħiħa ta' impatti immedjati u fit-tul fuq l-ambjent u l-klima bħala parti minn analiżi integrata tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, inklużi l-effetti kumulattivi tagħhom, kif ukoll l-ispejjeż tal-azzjoni u n-nuqqas ta' azzjoni li huma parti mill-approċċ "l-ewwel aħseb fis-sostenibbiltà" adottat fit-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali;
15. Jissottolinja li l-leġislazzjoni ambjentali u dik relatata mas-saħħa għandha impatt dirett fuq il-ħajja taċ-ċittadini tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tfassal memorandum ta' spjegazzjoni qasir b'lingwaġġ aċċessibbli u mhux espert biex jakkumpanja l-proposti leġislattivi kollha, u biex tiegħu l-miżuri kollha xierqa biex tiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jifhmu l-essenza ta' proposta leġislattiva, inklużi l-effetti potenzjali fuq il-ħajjithom;
16. Itenni li t-trasparenza rigward il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri konsultattivi u ta' eżami għall-atti ta' implimentazzjoni għandha tiżdied u li l-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri individwali għandhom isiru pubbliċi fil-minuti uffċjali; itenni li l-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku aktar informazzjoni dwar il-laqgħat tal-kumitati, inklużi l-kompożizzjoni, l-attenzenza, l-aġendi, id-dokumenti u l-abbozzi diskussi⁴;

⁴ Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-

17. Jisħaq li huwa importanti li l-Kummissjoni twieġeb Mistoqsijiet bil-Miktub mill-Parlament fi żmien xieraq; jiddispijaċih li fil-passat il-maġġoranza l-kbira tal-Mistoqsijiet bil-Miktub ġew imwieġba tard, u jinsisti li l-Kummissjoni ttejjeb il-ħin tar-rispons tagħha għall-Mistoqsijiet bil-Miktub mill-Membri tal-Parlament Ewropew fit-tieni nofs tal-mandat tagħha.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (P9_TA(2020)0364).

ANNEX



Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Il-President

EXPO-COM-INTA D(2022) 9433

Adrián VÁZQUEZ LÁZARA
President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

**Suġġett: Input tal-Kumitat INTA lill-Kumitat JURI dwar ir-rapport INI
"Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar"**

Sur President,

Fid-9 ta' Settembru 2021, il-Konferenza tal-Presidenti ddeċidiet li tawtorizza lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) biex jabbozza rapport fuq inizjattiva proprja bit-titolu: "Regolamentazzjoni aħjar; Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar", segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Ir-Regolazzjoni Aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (COM(2021)0219) u s-Sett ta' Għodod tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar minn Novembru 2021. Is-Sur Wölken Tiemo, konsegwentement, inħatar fid-9 ta' Diċembru 2021 bħala rapporteur tal-Kumitat JURI għal dak ir-rapport.

Minħabba r-rilevanza kbira għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali ta' ċerti strumenti taħt is-sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar, u sabiex tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal aktar trasparenza u valutazzjoni tal-impatt xierqa fil-qasam tal-politika kummerċjali internazzjonali, il-koordinaturi tal-Kumitat INTA ddeċidew li jibagħtu ittra lill-Kumitat JURI bħala l-kumitat ewlieni, b'suġġerimenti speċifiċi għall-kummerċ.

Ġejna infurmati li, skont il-kalendarju tal-Kumitat JURI, l-iskadenza għall-emendi ta' kompromess hija stabbilita għat-3 ta' Mejju 2022, u li l-Kumitat JURI se jqis kif xieraq il-feedback kollu mill-kumitati li jagħtu l-opinjoni espress sal-aħħar ta' Marzu 2022.

Għalhekk, aħna fiduċjużi li, f'konformità mal-ispirtu ta' kooperazzjoni tajba fost il-kumitati tal-PE, is-suġġerimenti tal-Kumitat INTA stabbiliti f'din l-ittra se jiġu inklużi fir-rapport finali tal-Kumitat JURI.

Dejjem tiegħek,

Bernd LANGE

Anness: Input tal-Kumitat INTA lill-Kumitat JURI dwar ir-rapport INI "Regolamentazzjoni
aħjar: Nghaqqudu l-forzi biex nagħmlu liġijiet aħjar"

Suġġerimenti

1. Jisħaq fuq id-dritt stabbilit fl-Artikolu 218(10) tat-TFUE biex il-Parlament Ewropew jinżamm infurmat immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura relatata ma' ftehimiet internazzjonali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali; jiddeplora l-fatt li l-Parlament Ewropew ma jingħatax aċċess għall-proposti differenti relatati mal-pożizzjonijiet ta' negozjar tal-partijiet kontraenti għall-ftehimiet internazzjonali dwar il-kummerċ u l-investment; iqis li l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li jirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurati li kull istituzzjoni tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha u tissodisfa l-obbligi tagħha minqax fit-Trattati rigward in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, għandu jiġi implimentat b'mod adegwat f'dan ir-rigward;
2. Ifakkar li l-Politika Kummerċjali Komuni hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni u li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 207 tat-TFUE għandhom jiġu difiżi u ppreservati b'mod robust; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu evitati proċeduri ta' ratifika twal fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investment li fihom elementi mħallta, sabiex jiġi żgurati li jidħlu fis-seħħ fil-waqt;
3. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata l-proporzjonalità tar-rekwiżiti regolatorji fil-kuntest tal-istrumenti kummerċjali internazzjonali;
4. Jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jkollha Bord tal-Iskrutinju Regulatorju b'saħħtu li jinvolvi ruħu wkoll l'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni indipendenti biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-kwalità tal-ħidma tal-Kummissjoni; jesprimi tħassib dwar ir-rwol dejjem aktar politiku tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju; jistieden lill-Kummissjoni tagħti aċċess lill-Parlament għall-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju kif ukoll, fuq talba, għal-lista ta' laqgħat bejn il-Bord u l-gruppi ta' interess matul id-deliberazzjonijiet tal-Bord dwar proposti leġiżlattivi, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt speċifiċi relatati mal-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-kompetenza kummerċjali kif ukoll lill-bilanċ bejn il-ġeneri fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju;
5. Jenfasizza li hemm 22,6 miljun¹ intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SMEs) fl-UE; billi 600 000 SME biss jesportaw barra mill-UE; ifakkar fil-Prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" meta jiġu nnegozjati ftehimiet ġodda ta' kummerċ ħieles u jitlob li jiġu kkunsidrati u indirizzati aħjar il-piżijiet regolatorji għall-SMEs meta jitressqu proposti leġiżlattivi ġodda;
6. Ifakkar lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jirrikonoxxu l-ħtieġa immedjata għal regolamentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar u biex jadottaw pjan direzzjonali b'miri u indikaturi konkreti u vinkolanti bħala prerekwiżit importanti għall-kapaċità tal-ekonomija tagħna li tirkupra u tkun innovattiva; jinnota li diversi Stati Membri

¹ <https://www.statista.com/statistics/878412/number-of-smes-in-europe-by-size/>

stabilixxew miri kwantitattivi sa 30 % għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv;

7. Jisħaq li l-prattiki stabbiliti b'rabta mal-applikazzjoni proviżorja tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment għandhom jiġu applikati għall-ftehimiet internazzjonali kollha, sabiex jiġi żgurat li l-ebda ftehim ma jiġi applikat b'mod proviżorju qabel ma l-Parlament ikun ivvota biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu;
8. Jenfasizza li r-rieżamijiet ta' nofs it-terminu u l-klawżoli ta' estinzjoni huma għodod utli biex jiġi żgurat li l-liġijiet tal-UE jkunu dejjem aġġornati u adegwati għall-użu tagħhom; huwa tal-fehma, madankollu, li l-użu ta' klawżoli ta' estinzjoni fil-ftehimiet internazzjonali dwar il-kummerċ u l-investiment jeħtieġ li jiġi vvalutat mill-ġdid u akkumpanjat minn salvagwardji ta' flessibbiltà, biex b'hekk jiġu miġġielda l-abbużi possibbli mill-partijiet kontraenti;
9. Jemmen li kwalunkwe ftehim internazzjonali dwar il-kummerċ u l-investiment jeħtieġ li jkun "adatt għall-futur" fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, u b'hekk jipromwovi s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u jikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji internazzjonali; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li jitwettqu Valutazzjonijiet tal-Impatt dwar is-Sostenibbiltà qabel it-tnedija ta' negozjati dwar il-kummerċ u l-investiment; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żviluppat u jsir użu minn approċċ aktar integrat dwar is-sostenibbiltà li jqis aħjar l-interazzjoni tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-inizjattivi tal-UE, inklużi l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tagħha, billi jitqies ukoll l-impatt kumulattiv li l-proposti leġiżlattivi differenti, kif ukoll il-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment, jista' jkollhom b'mod ġenerali;
10. Jinnota li l-kummerċ għadu jiddependi fuq ħafna dokumenti stampati; jemmen li d-diġitalizzazzjoni u l-użu ta' dokumenti kummerċjali elettroniċi jnaqqsu l-ispejjeż u l-kumplessità; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu vantaġġ mill-era diġitali u mill-għodod biex tnaqqas ċerti tipi ta' piżijiet jew obbligi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi esplorat l-użu ta' dokumenti kummerċjali elettroniċi li se jżidu l-effiċjenza u s-sigurtà u jnaqqsu l-piż amministrattiv;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	17.5.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Manon Aubry, Gunnar Beck, Geoffroy Didier, Ibán García Del Blanco, Esteban González Pons, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Lara Wolters, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Jean-Paul Garraud, Yana Toom

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT

20	+
PPE	Pascal Arimont, Geoffroy Didier, Esteban González Pons, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos
S&D	Ibán García Del Blanco, Maria-Manuel Leitão-Marques, Franco Roberti, Tiemo Wölken, Lara Wolters
Renew	Karen Melchior, Yana Toom, Adrián Vázquez Lázara
ID	Jean-Paul Garraud, Gilles Lebreton
ECR	Raffaele Stancanelli
Verts/ALE	Sergey Lagodinsky
The Left	Manon Aubry
NI	Sabrina Pignedoli

1	-
ID	Gunnar Beck

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni